# Il-letteratura Maltija tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin: IL-POEŻIJA

MAĦRUĠ
MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

IS-SENA LXII | 1993 | GĦADD 29

# Il-Werrej


2 **Għadd kbir ta' studenti tal-Letteratura Maltija**
*Editorjal*

3 **Il-kriżi ta' l-identità fil-poeżija mis-snin sittin 'l hawn**
*Norman C. Borg*

14 **Il-vjaġġ, it-tbatija u l-mewt fil-poeżija tas-sittinijiet**
*Raymond Grech*

21 **Poeżija ġdida għal żminijiet ġodda**
*Marcel Zammit Marmarà*

i **Poeżiji mill-istudenti u membri ta' l-Għaqda tal-Malti (Università)**


*Nota editorjali:* Ix-xogħlijiet miġbura f'din il-ħarġa huma kitbiet ippreżentati mill-istudenti bħala xogħol matul il-kors tagħhom tal-B.A. fil-Malti (Kors ta' Filgħaxija, 1987-1992). Għalhekk, waqt li l-fehmiet u l-metodi ta' dawn il-kitbiet jirriflettu l-*lectures* li ngħataw lill-istudenti f'dan il-Kors, dawn huma wkoll ir-riżultati tal-ħidma ta' l-istudenti fi proċess ta' studju, qari, konsultazzjoni tal-bibljografija u trawwim tas-sens kritiku meħtieġ f'kors universitarju u li l-Għaqda tal-Malti (Università) għandha l-għan li tissokkta tkabbar u tiżviluppa fid-dawl tal-kritika letterarja moderna, fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti fl-Università.


**LEĦEN IL-MALTI**
**1993**
**GĦADD 29**

maħruġ mill-
Għaqda tal-Malti (Università)
fi ħdan
id-Dipartiment tal-Malti



BORD EDITORJALI
Editur
*Joseph Borg*

Assistenti
*Carmel Azzopardi*
*David Bezzina*
*Prof. Oliver Friggieri*
*Ivan Said*



*Indirizz Editorjali*
"LEĦEN IL-MALTI"
Id-Dipartiment tal-Malti
Il-Fakultà ta' l-Arti
L-Università
Tal-Qroqq, Msida MSD 06

*Disinn u stampar minn*
PRINTJOB - Għaxaq

LEĦEN IL-MALTI
seta' jiġi ppubblikat
u fl-istess ħin
offrut lill-pubbliku
bi prezz baxx bis-saħħa
ta' l-għajnuna finanzjarja ta'

Merlin Library
Blata l-Bajda

Printjob
Għaxaq

San Paolo
Marsovin

# Editorjal

## Għadd kbir ta' studenti tal-Letteratura Maltija

Fil-Liċeo Ġan Franġisk Abela fl-Imsida hemm mijiet ta' studenti jsegwu kors fil-Letteratura Maltija. Dan hu żgur riżultat mill-isbaħ tal-ħidma kbira u tal-kompetenza ta' l-għalliema fil-Liċeo, fejn toħroġ ukoll ir-rivista *Analiżi*, pubblikazzjoni ta' l-ogħla livell li swiet mhux ftit biex tat xeħta ta' serjetà ġdida lill-istudju letterarju Malti u biex tejbet u xerrdet l-interess fost eluf kbar ta' studenti. Fl-Università, fi ħdan il-Fakultajiet ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Arti hemm għadd kbir ta' studenti tal-Malti, u bejniethom isawru wieħed mill-akbar gruppi f'Tal-Qroqq.

L-Għaqda tal-Malti (Università) hi kburija b'dan kollu u tifraħ u ssellem lil dawk kollha li wasslu biex iseħħ dan kollu. Min-naħa tagħha l-Għaqda taħdem bla waqfien biex tqanqal interessi ġodda fil-Letteratura Maltija u biex twassal il-kelma tagħha lill-eluf ta' studenti fl-Università. Kulħadd jaf li l-Għaqda għandha programm ta' ħidma ta' kull tip, programm li llum jaf bih il-pajjiż kollu. Hemm għadd ta' proġetti ġodda li l-Għaqda tittama li jseħħu fi żmien qasir.

Din hi qagħda li forsi qatt ma kien hawn bħalha qabel, u hi awgurju mill-isbaħ għall-ġejjieni. L-isfida tal-Letteratura hi li tkun rilevanti għall-poplu kollu, u l-aktar għaż-żgħażagħ. Illum il-Letteratura Maltija moderna nfetħet, kibret u stagħniet, waqt li laħqet livelli tassew għoljin. L-Għaqda trid timpenja ruħha biex tara li minn ħdanha wkoll joħorġu kittieba ġodda, serji, imħejjija tajjeb, b'għajnejhom miftuħin beraħ fuq il-kwistjonijiet tipiċi tas-soċjetà, u tad-dinja lejliet seklu ġdid.

L-Għaqda, magħmula minn mijiet ta' studenti u oħrajn, tħares 'il quddiem b'fiduċja akbar minn qabel.

# Il-kriżi ta' l-identità fil-poeżija mis-snin sittin 'l hawn

*Norman C. Borg*

## Daħla

Is-snin sittin ġabu magħhom f'Malta moviment letterarju li, bħalma ġara fi żminijiet oħrajn, kien l-ewwel u qabel kollox effett dirett taż-żmien; mera tal-qagħda soċjali u politika; kumment persunali tal-poeta, kemm jekk pożittiv sew jekk negattiv, tal-qagħda spiritwali tal-bniedem f'dak il-limitu ta' lok u żmien partikulari.

Forsi aktar minn qatt qabel, il-poeta sar konxju tal-problemi soċjali u politiċi, fi żmien meta l-Indipendenza ġabet magħha, għall-bidu, speċi ta' ewforija ġdida, iżda anki sens ta' dubju u inċertezza. It-tifrix tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni fetaħ lill-gżira għad-dinja ta' barra ħafna aktar minn qabel, biex il-poeta sar konxju tal-fatt li hu ma kienx biss Malti fil-gżira ta' Malta, iżda anki bniedem f'dinja ħafna akbar. Malta kienet biss mikrokożmu f'makrokożmu ħafna aktar wiesa', fejn inġustizzji u tbatija kienu aktar qliel. Il-poeta għalhekk huwa aktar konxju minn dak li jinsab lilhinn mix-xtut tal-gżira, kif juri f'kitbiet bħal *Arizona* (Achille Mizzi), *Odessa* (Charles Coleiro), *Milied f'Bejrut* (Joe Friggieri) jew *Munchen 72* (Victor Fenech).

Kien minn hemm barra wkoll li, wara kollox, waslu ideat, filosofiji u modi ġodda kif l-istudjuż u l-poeta tgħallem iħares lejn dinjietu, u ħsibijiet ġodda bħal ma kienu ta' Freud, Jung u Nietzsche, kif ukoll modi relattivament ġodda ta' kitba bħalma kienu dawk ta' Apollinare, Pound u Eliot, ħallew l-effett tagħhom fuq il-poeżija Maltija tas-snin sittin u dik li ġiet warajha.

Immaturaw għaldaqstant viżjonijiet u interpretazzjonijiet ġodda tal-'jien' fil-poeta, tar-relazzjonijiet tiegħu mal-proxxmu u ma' dak li kien madwaru, u saħansitra tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Bdiet tidher b'hekk kriżi ta' identità fil-poeżija Maltija li, anki jekk forsi b'xi mod jew ieħor diġà kienet teżisti qabel, tlaħħmet sew u ħadet sura bħala kriżi ġdida sewwasew fiż-żmien meta Malta kisbet l-identità ġdida tagħha bl-Indipendenza.

## Il-kriżi nazzjonali

Bil-miġja ta' l-Indipendenza politika għal Malta bilfors li kellha ssaltan, imqar

jekk għal ftit żmien, dik l-atmosfera ta' twelid ġdid, ta' patrija żagħżugħa bl-ambizzjonijiet partikulari tagħha. Charles Vella jevoka din l-atmosfera f'*Settembru*, fejn insibu versi ta' tama hekk kif il-poeta, permezz tax-xahar ta' Settembru, juri kontinwità u rabta ma' l-istorja: l-istess Settembru li ġarrab l-Assedju l-Kbir, ir-rewwixta ta' Dun Mikiel Xerri u sħabu u l-bumbardamenti fit-Tieni Gwerra, issa qed jara lil Malta tikseb l-Indipendenza. Il-poeta hawnhekk għadu qed jitkellem f'isem il-poplu, mimli tama u li bi ħġaru jħares 'il quddiem. Bħala għanja hija speċi ta' sekwenza loġika li tkompli fejn ħalliet il-poeżija patrijottika ta' qabel. Wara l-għajta ta' għaqda u solidarjetà kontra l-barrani issa tinstama' l-għanja tas-sodisfazzjon u tar-riżoluzzjoni. Iżda hawnhekk ma għad hawn l-ebda ħjiel ta' dak id-diżordni mentali, dubji u kunflitti li se jkunu l-karatteristika ewlenija tat-tieni ġenerazzjoni tal-poeżija Maltija, kif iqisha Peter Serracino-Inglott.[1]

F'dan is-sens huwa bla dubju ta' xejn li jekk hemm xi ħaġa komuni bejn l-għanja ta' Vella u *l-għanja ta' settembru* ta' Mario Azzopardi, din hija biss ix-xahar ta' Settembru u t-tifsira storika tiegħu għal Malta. Diġà mill-kliem fil-parentesi li Azzopardi jpoġġi taħt isem il-poeżija, jistgħu jidhru ċerta ironija u mod ċiniku li huma daqstant karatteristiċi fil-vers ta' Azzopardi. Għal Azzopardi dan il-ħelsien politiku huwa biss daħka fil-wiċċ, għax il-moħħ (u għaldaqstant l-ispirtu) għadu marbut, imrażżan. Dak li jħasseb madankollu huwa l-fatt li meta l-poeta jazzarda jiftaħ għajnejn il-poplu dwar dan jingħadd bħala miġnun u jitwarrab. Il-poplu huwa aljenat wisq biex jirrealizza l-verità.

Maż-żmien id-diżappunt tal-poeta jsib l-istabbiliment il-ġdid bħala l-għajn tiegħu. F'*Burokrazija* [2] Victor Fenech jattakka lill-'establishment' li qed joħnoq lill-individwaliżmu tal-poeta. F'*Illum l-Istabbiliment* jimplika li ftit li xejn hemm tibdil minn sistema ta' tmexxija għal oħra. Hawnhekk m'hawnx aktar għajta politika għal tmexxija indipendenti, iżda d-diżappunt wara l-għarfien ta' illużjoni.

Iżda għalkemm hemm din l-ostilità reċiproka bejn il-poeta u l-istabbiliment, jibqa' l-fatt li l-poeta Malti jistmerr ukoll l-atteġġjament passiv għall-aħħar ta' poplu li darba kien iqum faċilment kontra l-barrani. Issa, skond Mario Azzopardi, il-poplu huwa aljenat u indifferenti. Fil-poeżija tiegħu *Repubblika* jistħajjel lill-poplu Malti tifel żgħir ferħan b'ġugarell ġdid li għadu kemm kiseb (il-kopp tan-najlon). Kuntent bil-kisba tiegħu xorta waħda t-tifel għadu mhux kapaċi jagħmel użu tajjeb minnha: "bla ħut mank imzazen ma llixka". Minflok, jintilef wara influwenza barranija (il-bjonda min-nord) anki jekk fil-fatt din l-influwenza ma taqbilx għal kollox mal-karatteristika Maltija u hija żjieda artifiċjali (appendiċi). Ix-xbieha tax-xiħa tirrappreżenta lil Malta awtentika, dik li hi naturali, bil-karatterstiċi l-qodma tagħha (il-qliebi tal-bdiewa u s-sajjieda). L-illużjoni hija li t-tifel jaħseb li bil-kisba ta' dak il-

kopp immatura f'salt ("xjaħ seklu f'daqqa"). Imma n-natura vera tal-Malti, dik li forsi fl-imgħoddi mexxielha tkeċċi lill-barrani billi "żmuntat l-għelm tal-wisgħa", fil-verità ma mmaturat xejn ("xerqet fis-salm tal-patrija") u ntelqet f'indifferenza u apatija liema bħalha ("reġgħet torqod ngħas l-ilma").

Din l-istmerrija lejn poplu indifferenti tieħu xejra oħra f'Daniel Massa, li jimplika saħansitra li l-poplu m'għandux rieda tiegħu u li jaċċetta kulma jiġi mogħti lilu mingħajr ma jitniffes. F'*Monologu mill-Gżira ta' l-Isponoż* huwa ovvju d-diżappunt tal-poeta fil-mod ċiniku li bih il-kliem huwa mqiegħed. Id-diżappunt hawn huwa doppju, u jiġbor fih iż-żewġ aspetti li fil-poeti l-oħrajn rajna għalihom: diżappunt bl-istabbiliment, li huwa ipokrita u jdawwar il-kliem kif jaqbillu; u diżappunt bil-poplu li lest li jibla' kulma jintqal lilu. Bħall-isponoż, il-poplu jixrob kollox u malajr. Permezz tat-ton ċiniku tal-monologu l-poeta jinqata' minn ma' l-istabbiliment, u juri li ma jrid ikollu xejn x'jaqsam miegħu. Mill-banda l-oħra, bil-mod kif juża l-metafora ta' l-isponoż għall-poplu juri biċ-ċar ukoll li lanqas irid ikollu x'jaqsam ma' dan: għaldaqstant il-poeta jiżola ruħu għal kollox mis-soċjetà ta' madwaru. Dan l-atteġġjament ukoll huwa aspett karatteristiku tal-poeżija Maltija moderna.

Dan id-diżappunt ġenerali se jsib it-togħma qarsa ta' l-illużjoni. It-tfajla min-nord ta' Azzopardi issir aktar konkreta f'Fenech li f'*Din l-Art Ħelwa, Din l-Art li Alla Tana* jilmenta l-fatt li deħlin wisq barranin jazzettaw f'Malta waqt li ħafna Maltin qed jemigraw. Permezz ta' teknika partikulari, Fenech joħloq sens ironiku miġjub mill-versi alternati bil-Malti u bl-Ingliż u li juru ż-żewġ uċuħ tal-munita. Waqt li l-Maltin ħerġin mill-gżira, il-flus deħlin, imma għall-kapitalisti barranin biss. Ir-referenza għal Mr. Livingstone timplika spedizzjoni f'art imbiegħda u forsi anki kolonizzazzjoni, tant li fl-aħħar Fenech iġiegħel wieħed jiddubita jekk Malta spiċċatx tassew minn kolonja. Alla tana din l-art, ifakkarna Fenech fl-isem tal-poeżija: u aħna lil min qed nagħtuha?

Forsi dan kollu huwa kawża ta' l-indifferenza u l-aljenazzjoni li waqa' fihom il-poplu. Kif jgħid Azzopardi f'*assedju stil 67* il-poplu huwa wisq medhi jfakkar kriżijiet storiċi bħall-Assedju l-Kbir milli jara x'jagħmel b'dawk aktar gravi tal-preżent. Oliver Friggieri f'*Malta Żagħżugħa* josserva li d-dħaħen tas-sagrifiċċji ta' żmien il-qedem m'għadhomx jidhru. Id-dmija ta' min miet fl-Assedju l-Kbir inxtorbu fil-blat. Il-krib tal-feruti m'għadux jidwi: xejn m'għad baqa' għajr eku tat-tbatija taħt il-ħakkiem. Dan hu kollu fil-passat, iżda tant daħal fil-poplu li sar parti naturali mill-ambjent tiegħu. Il-poplu m'għadux iħoss bħal qabel. Donnu l-poplu jinsa li l-umanità, kif jimplika J.J. Camilleri f'*Lit-Tork*, hija aktar importanti mill-patrijottiżmu.

Hu x'inhu, jidher sew mill-poeżija Maltija li l-poplu għaddej minn żmien

politiku fejn mhuwiex ċert għal kollox mill-identità tiegħu. Il-poplu huwa mitluf f'duwaliżmu paradossali li ftit li xejn jista' jagħmillu ġid: irid ikun indipendenti u ma jridx; huwa aljenat b'wisq tradizzjonijiet u ftit li xejn konxju minn problemi soċjali; m'huwiex matur biżżejjed biex jagħżel minn jeddu. Ix-xbieha fi *Protesta Maltija* ta' Oliver Friggieri hija diretta: Malta, friska friska fl-Indipendenza tagħha, hija mitlufa u mgerfxa, ma tafx eżatt fejn sejra, ma tafx għal kollox x'taqbad tagħmel b'dan il-ħelsien ħesrem li ġie fuqha: forsi għadha mhijiex ippreparata biżżejjed għal tmexxija awtonoma: forsi għad għandha bżonn timmatura aktar. Il-konfużjoni f'dan il-każ hija mpinġija anki fil-qagħda tal-versi tal-poeżija. Fejn ġeneralment insibu fi Friggieri endekasillabu b'ritmu regulari, hawnhekk insibu jalternaw kemm l-endekasillabu kif ukoll il-vers tat-tnax, mingħajr ebda regola partikulari u b'ritmu mhux regulari, speċjalment fejn juża x-xbieha tal-poeżija bħala metafora għall-pajjiż. L-aħħar xbieha, il-"vapur bla boxxla" hija bla dubju ta' xejn wisq 'il bogħod minn dik tal-"kaptan li wasal ġewwa l-port wara tempesti ħorox" li biha jiddeskrivi lil Malta Charles Vella f'*Settembru*.

Huwa sentiment ta' iżolament fil-poeta hekk kif iħoss li m'għadux jista' jikkomunika man-nies ta' madwaru. U għalkemm f'*Innu lil Tribù b'Żewġ Bnadar* jiġi fid-dubju hux forsi tort tiegħu li dan huwa hekk, xorta waħda jħoss li hu lil art twelidu għadu jħobbha b'imħabba reliġjuża: "F'għajnejk hemm xorta l-bewsa ħamra tixgħel ...". Dan jimplika li fil-fatt huwa l-poplu li forsi nqata' u kulma jmur qed isir aktar indiferrenti, aljenat, rieqed. Ix-xbieha tat-tribù fl-isem tal-poeżija timplika ċiviltà inferjuri li għadha fi stat selvaġġ jew semi-selvaġġ: tribù ambivalenti, indipendenti u mhijiex (żewġ bnadar). Huwa poplu li għadu mħawwad: "f'fomm in-nies sillaba mgerfxa". Huwa poplu b'nuqqas ta' interess u mingħajr ebda ħerqa: "baħar mutu jitniegħes ma' dal-poplu". Hija t-tama tal-poeta li forsi għad jiġi żmien meta din is-sitwazzjoni tinbidel u l-kotra "terġa' tlissen lingwa li nifhimha". Iżda l-kelma "forsi" mtennija fl-aħħar tagħti l-impressjoni li x'aktarx il-poeta mhuwiex daqstant konvint minn dan.

Il-qtigħ-il-qalb f'dan is-sens jidher ukoll f'poeti oħrajn. F'*Hemm Raħal* Victor Fenech jirrealizza li s-sitwazzjoni reali, il-materjaliżmu (l-Escort) huwa 'l bogħod wisq mill-istat idilliku li qed joħlom hu, fejn issaltan l-imħabba. F'*Din l-Omm li Tatna Isimha* barra milli talba persunali u mod individwali kif jikkomunika ma' Alla, Fenech joffrilna l-Innu Malti miktub mill-ġdid, iżda b'ironija u diżappunt, hekk kif il-viżjoni romantika qed tispiċċa u qed titlef dak is-seħer tagħha. Maqbuda bejn żewġ estremitajiet Malta ghaddejja mill-passjoni tagħha. Iżda l-poeta juri d-dubju tiegħu jekk din il-passjoni tistax twassal għall-irxoxt: irxoxt, f'dan il-każ, mhux biss spiritwali iżda politiku u soċjali wkoll. Hawn huwa eżempju ta' reliġjon u politika magħqudin flimkien b'ħila liema bħalha.

# Il-kriżi spiritwali

L-identità spiritwali hija fil-fatt kriżi oħra li tidher sew fil-poeżija mis-sittinijiet 'l hawn. Tibda malli l-poeta jibda jħoss li r-reliġjon imħaddna minn dawk ta' madwaru mhijiex daqstant awtentika daqskemm forsi tidher minn barra. Din is-superfiċjalità tar-reliġjon tradizzjonali tista' tieħu għadd ta' xejriet differenti.

Skond *Niżla* ta' Charles Vella, il-bniedem qed iħossu mitluf għax mhux qed ifittex is-soluzzjoni tiegħu fil-fidi. Fi *'Blindfold'* Albert Marshall jissuġġerixxi li l-individwu jitlef il-fidi u l-valuri ta' ħajtu permezz tal-maturità u l-indipendenza u issa l-idoli l-ġodda tiegħu huma banalitajiet materjalistiċi bħal dawk ta' l-"Awstralja Bar" u tat-"talkies". Ir-ruħ tinsab f'qagħda mħawda għall-aħħar (kif murija mill-versifikazzjoni kumplessa tal-poeżija). Il-poeta mitluf f'dan il-labirint ta' materjaliżmu, m'għandux skop fil-ħajja ("x'ser nagħmel") u jdur faċilment bħal pinnur ma' l-iċken żiffa li tonfoħ ("mur darb'oħra O.K."). Il-bniedem huwa dak li għammad għajnejh bil-materjaliżmu u li għaldaqstant ma jistax jara fejn hu sejjer.

F'poeżija bħal *Milied f'Bejrut* ta' Joe Friggieri, imbagħad, wieħed jara kemm iċ-ċiniżmu tal-poeta huwa ovvju hekk kif juża għanja popolari tal-Milied biex juri l-artifiċjalità li kulma tmur qed taħkem iktar il-festa tal-Milied u kull festa reliġjuża oħra, waqt li l-poplu huwa indifferenti għall-inġustizzji u l-qirda li qed iseħħu f'pajjiżi 'l bogħod mill-għajn u daqstant mill-qalb. Sentiment simili jħaddan Victor Fenech f'*Milied 70*, fejn jiddeskrivi Milied artifiċjali li jbiegħed is-sens jew skop spiritwali aktar milli jagħtih importanza. Hawnhekk il-poeta qed iħossu waħdu, mitluf qalb soċjetà aljenata fejn il-Milied jixbah aktar lill-karnival.

F'*Il-Bajja ta' San Tumas* Daniel Massa juża ħafna xbihat li jagħtu idea ta' kaos li qed joqrob minħabba l-aljenazzjoni tal-bniedem f'materjaliżmu kważi pagan. Jidher li qed jimplika li dan il-kaos huwa viċin, billi jsemmi ż-żwiemel ta' l-apokalissi (darbtejn) u ċ-ċriekı li jduru u jduru fuqhom infushom, bħall-irjieħ ta' uragan li jqaċċtu u jeqirdu minn kull fejn jgħaddu: dawn iċ-ċrieki jfakkru x-xbieha ta' l-ispiralli, il-*gyres* f'poeżija ta' Yeats bħal *The Second Coming*, *Demon and Beast* u appuntu *The Gyres*. Il-"fidi" tal-bniedem, f'dan is-sens, qiegħda taqa' biċċiet, dekadenti għall-aħħar.

Din l-hekk imsejħa "fidi" tista' tkun ukoll arida, vojta, mingħajr ebda sentiment ġenwin, kif jissuġġerixxi Achille Mizzi f'*La Noche Oscura*. Il-metafora ta' l-isponża hawnhekk għandha skopijiet differenti minn dawk ta' Massa. Il-bniedem huwa bħal sponża fil-kapaċità tiegħu li jixrob l-għerf u t-tagħrif li jiskopri bl-intelliġenza u bit-teknoloġija li għandu. Madankollu mhuwiex dan it-tip ta' għerf li jimla r-ruħ tal-poeta; u għaldaqstant din hija biss deżert, waqt li l-poeta għadu jixxennaq għal dik ix-xi ħaġa

li tista' tissodisfah spiritwalment ukoll. Iżda dak li toffri d-dinja huwa biss il-ħall li jnessi u jaljena, imma li bih il-poeta ma jistejqerx.

Għall-ewwel, dan is-sentiment ta' materjaliżmu, indifferenza, artifiċjalità, aridità li jidher li hemm fir-reliġjon jista' jwassal għal speċi ta' protesta kontra Alla stess. Għal Achille Mizzi f' *Inġiniera Ġenetiċi* Alla forsi mhuwiex mejjet bħalma jgħid Nietzsche, iżda jkun tassew passiv u indifferenti jekk jippermetti lill-bniedem li jittanta jagħmel dak li għamel Hu: joħloq il-ħajja. Aktar milli lment fuq is-soċjetà li kulma tmur qed twarrab il-valuri morali, aktar milli talba lil Alla biex ma jitlaqx lill-moħħ imħawwad tal-poeta, din hija saħansitra protesta kontra Alla għall-indifferenza tiegħu fid-dawl tal-progress-rigress li għaddej minnu l-bniedem.

Karba simili toħroġ minn Victor Fenech f' *Telqien*, hekk kif il-poeta jħossu iżolat: mhux mill-proxxmu ta' madwaru, iżda minn Alla. Il-poeta hawn ukoll huwa mħawwad: is-sentimenti tiegħu jqabbilhom ma' xejriet tan-natura li huma vjolenti (beraq u ragħad), il-ħin kollu jiċċaqalqu bla sabar (baħar jobrom). Iżda l-poeta jħoss li dan il-moħħ imħawwad huwa iżolat minn Alla wkoll. Fejn hu dak li raqqad it-tempesta? Fejn hu r-ragħaj? F' *Tgħid Din Kumbinazzjoni?* (Oliver Friggieri) il-poeta jfittex lil Alla: ifittxu għall-bidu bil-mod tradizzjonali ("fit-triq qadima tiegħi") iżda qatt ma jirnexxilu jilħqu. Wara jibda jfittex b'modi diversi, persunali: iżda hekk ukoll il-poeta mhux sodisfatt, u jsaqsi lil Alla għaliex dan in-nuqqas ta' kuntatt.

F' *meta jitbaxxa d-dawl* ta' Mario Azzopardi l-poeta jħoss il-fidi qed tonqos, u jistħajjel lil Kristu nnifsu għajjien, diżappuntat bħallikieku t-tbatija tiegħu swiet għalxejn hekk kif l-ipokrisija tibqa' teżisti u l-bniedem jibqa' mitluf wara ambizzjonijiet fiergħa (bħall-avvanzi tat-teknoloġija rrappreżentati mill-Apollo 8) li ma jagħtu l-ebda soluzzjoni għax-"xmara inbid qares" li hija l-ħajja jew għal faraġ spiritwali. U l-poeta, li lanqas jista' jsib kenn psikoloġiku/spiritwali fil-kurċifiss "għajjien", jidħol fih innifsu, jixtieq li jmur lura f'ġuf ommu. Iżda bħal "kutra tas-suf", din ix-xewqa ftit li xejn tiswa kontra l-aljenazzjoni u l-ipokrisija li jara madwaru.

Fid-dawl ta' din il-kriżi l-poeta jħares lejn ir-reliġjon u r-relazzjoni bejnu u bejn Alla bil-ħarsa tiegħu persunali/individwali, lilhinn minn dik 'preskritta' mill-istituzzjoni jew mid-domma. *Karola 67* ta' Victor Fenech, fil-fatt, hija għanja tal-Milied persunali. Ma tikkonformax mar-ritmu, stil u format stabbiliti. Trid tinqata' mit-tradizzjonijiet. Timplika sens ta' vojt fit-talba tradizzjonali, sens ta' taħlit materjalista u spiritwali li jnaqqas mill-qdusija, mis-sinċerità tat-talba tradizzjonali. Il-poeta jrid ikellem lil Alla bil-mod persunali tiegħu għax iħoss li l-mod tradizzjonali mhuwiex biżżejjed. Madankollu l-poeta jingħaqad mal-proxxmu tiegħu: "ma nafux x'aħna nagħmlu". Hija talba persunali, individwali tabilħaqq, iżda f'isem kulħadd.

F'*Polifemu* Joe Friggieri jqabbel lill-bniedem li jitlef il-fidi mal-ġgant b'għajn waħda li jagħraf it-tradiment ta' Ulisse biss wara li jkun tard wisq u jagħma. "U ma tarax ħlief dalma / u kollox tifhem": il-bniedem ukoll, ħafna drabi, irid jiżbalja u jbati biex forsi jifhem. Achille Mizzi jasal għall-konklużjoni (f'*Lil Alla Falz*) li Alla mhuwiex fix-xbihat ċassi mibnija mill-ġebel u t-tafal u mżejna bi żmeraldi u djamanti: Alla huwa fil-bniedem innifsu, f'ġismu, fir-ruħ, fil-għadam, fin-nifs, fil-moħħ, fid-demm. Huwa Alla persunali u forsi anki individwali. Jista' jkun ukoll li għall-poeta x-xbieħa ta' Anubis mhi xejn għajr simbolu tar-reliġjon Nisranija stess li, moħbija wara statwi, xbihat varji u riti kollettivi, ftit li xejn tħalli lok għall-ispirtu awtentiku tal-fidi Nisranija.

# Il-kriżi ġewwiena

Madankollu l-għarfien ta' alla persunali, individwali, jista' biss ikun soluzzjoni aħħarija li kieku l-poeta ma jkollux dik il-kriżi ġewwiena li ħafna drabi tkisser il-"jien" fi tnejn jew anki f'mitt biċċa. Għax wara kollox spiss il-poeta jsib li huwa diffiċli jħossu f'siktu miegħu nnifsu u għaldaqstant mas-soċjetà wkoll. It-tiftixa dejjiema tal-poeta tas-sittinijiet kienet ta' spiss ġewwiena.

F'*Tiftixa* Victor Fenech ifittex promontorju, kuntatt, mal-bnedmin ta' madwaru, u forsi ma' Alla wkoll, imma mhux b'dak il-mod impost mis-soċjetà, mhux skond "il-jien illi għaġnuni". Il-poeta jfittex il-mezz persunali tiegħu biex jibni relazzjoni ma' dak li hemm madwaru, u forsi dan il-mezz persunali jista' jkun dak li jgħinu jagħraf sewwasew x'inhu "il-jien jien": jittanta jagħraf lilu nnifsu billi jsib mezz individwali kif jingħaqad ma' dak li hemm lilhinn minnu.

Din mhijiex ħaġa daqstant possibbli, u ħafna drabi nsibu li l-poeta jisfa iżolat, bħalma diġà deher. Ħafna drabi hija s-soċjetà stess li twarrab lill-poeta. Niftakru l-vers fl-għeluq tal-poeżija ta' Azzopardi *għanja ta' settembru*: "bnew ħitan trasparenti bejniethom u bejni". Ir-raġuni ta' din l-ostilità tas-soċjetà lejn l-individwu hija sewwasew il-punt prinċipali ta' *Nistaqsi* ta' Bernard Mallia, u li ddur fuq il-problema tal-komunikazzjoni bejn il-wieħed u l-ħafna. X'hemm li jimbotta lill-folla mill-wieħed? X'inhu dak li qed jistaqsi? Mallia ma jidhirx li jsib tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet, anzi, fil-poeżija *U l-Biki Żomm Għalik* isib li tassew m'hemmx ftehim, m'hemmx djalogu, iżda fuq kollox m'hemmx mogħdrija. Fil-poeżija jispikka ton ċiniku, hekk kif il-poeta jikkonkludi li kulħadd jibqa' għal rasu, u ħadd ma jindaħal f'ta' ħadd.

Drabi oħra, madankollu, wieħed isib li huwa l-poeta li jagħżel li jwarrab rasu minn mas-soċjetà: ifittex rifuġju fl-"għar" persunali tiegħu bħalma jagħmel Victor

Fenech f'*Burokrazija*, f'*Ittra lis-Sur Mexxej* u f'*Erġajt fl-Għar*. Philip Sciberras isostni dan f'*L-Opposi*. Hawnhekk huwa l-poeta li jinqata' minn mal-folla minn jeddu. Ma jridx jidentifika ruħu mal-folla, anzi jfittex biex ma jkollu ebda rabta magħha.

L-identità tal-"jien", fl-aħħar mill-aħħar, hija bilfors marbuta mal-kriżijiet l-oħra ta' identità: politiċi, reliġjużi, soċjali. F'*sitwazzjoni 10 battal* (Mario Azzopardi) il-poeta jsib ruħu marsus bejn dawn il-lati differenti tal-kriżi ta' l-identità: il-politika (is-suldat), ir-reliġjon forsi wisq ritwalizzata u superstizzjuża (il-qassis), u s-soċjetà aljenata bil-fieragħ (il-kantanta). "Id-dehen u l-fehmiet ġodda" l-poeta jixtrihom[3] billi jagħmel ċaħda. X'inhi eżatt din iċ-ċaħda mhux ċar: forsi hija parti minn dak l-istess "jien" fiċ-ċentru tal-palk.

L-ostilità bejn il-wieħed u l-ħafna tista' tkun wara kollox waħda minn ħafna, fis-sens li l-poeta jagħraf li m'hemmx biss hemm il-kriżi ġewwiena bejn il-"jien" u l-"jien" fih innifsu: din tista' tkun riflessjoni ta' dak li jinstab barra, il-kriżi bejn bniedem u bniedem, raġel u mara, razza u razza. U forsi anki l-kriżi ġewwiena tista' ssib soluzzjoni mqar jekk is-soċjetà fiha nnifisha tkun kapaċi tirkeb id-differenzi tagħha. Din tidher li hi t-tama ta' xi poeti (*Hemm Raħal* u *Munchen 72* ta' Fenech, *Lit-Tork* ta' J.J. Camilleri, jew *Milied f'Bejrut* ta' Joe Friggieri fost oħrajn). F'*Minn dal-Vjal l-Utopja Tiegħek* ta' Doreen Micallef, ix-xewqa-ħolma tal-poetessa hi utopja fejn m'hemmx razziżmu (tfal suwed b'xagħar isfar) u m'hemmx politika li tifred lill-popli ("yankees" idoqqu l-balalakja).

Biss wieħed ma jistax ma jissuspettax li l-poetessa stess taf li din hija biss ħolma, xi ħaġa impossibbli: utopja tfisser "l-imkien", u l-insistenza tagħha li tibqa' ssejjaħ dan l-istat ta' ħajja b'dak l-isem tista' tagħti wieħed x'jaħseb li din is-sitwazzjoni x'aktarx għadha remota wisq mir-realtà ta' madwarna. Il-"jien" hawnhekk huwa maqsum fi tnejn: dak li jissielet u dak li jixtieq. Kemm l-azzjoni kif ukoll ir-rieda qawwija huma importanti għall-individwu biex iwassluh għal din il-ħolma. It-tama hija qawwija. Iżda jista' jkun ukoll li l-fiduċja li għandu fih innifsu l-bniedem hija biss daħka fil-wiċċ. Achille Mizzi jistħarreġ dan fi *Duende* bil-konklużjoni li anki l-"jien" stess jista' xi darba jgħib għal kollox. Kemm tassew huwa qawwi l-bniedem, bid-dehen u l-kapaċità tiegħu kollha jekk, fl-aħħar mill-aħħar, hemm il-mewt li ma jistax jirbaħha?

Għaldaqstant it-tiftixa tal-poeta tibqa' sejra. F'*Sangraal* ta' Victor Fenech it-tiftixa ssir għal dak l-oġġett sagru li jista' jeħles lill-bniedem mid-dubji u t-tbatijiet tiegħu billi jagħtih il-verità assoluta. Iżda l-bniedem għadu lsir tat-tensjonijiet psikoloġiċi (ix-xabla ta' Damokle), tat-tbatija u l-inġustizzja (l-ort u l-għaraq) u tal-kumplikazzjonijiet bla skop tal-ħajja (is-sriep lakuni). L-indifferenza għadha qawwija

wisq fil-bniedem: "jien ngħid mhux / jien / u nkompli neżisti" quddiem it-tbatija ta' ħaddieħor; għalhekk il-poeta jirrealizza li huwa paradoss li jibqa' jittama f'ġustizzja u f'paċi (fiżika u spiritwali). Il-frażi Pirandelljana "wieħed, xejn, jew mitt elf" tkisser il-"jien" f'elf dubju u mistoqsija u timplika li kollox huwa relattiv u għaldaqstant paradossali: f'dan il-każ anki l-valuri. Quddiem dan id-diżappunt aħħari l-poeta jintelaq u jħalli kollox f'idejn id-destin, jew forsi f'idejn Alla: "fi ħdanek nitlaq l-ispirtu tiegħi". Huwa bħallikieku jaqta' qalbu mit-tiftixa f'din id-dinja, bit-tama li forsi dak li qed ifittex isibu fl-"eternità" lilhinn mill-ħajja.

## Għeluq – struttura ġdida għal identità ġdida

Il-paradoss u n-nuqqas ta' sens li l-poeti tas-sittinijiet sabu madwarhom ippruvaw jenfasizzawhom permezz ta' strutturi moderni fil-kitba tal-poeżija li fil-fatt kienu diġà ilhom jeżistu mis-seklu ta' qabel fil-kontinent Ewropew. Kienet madankollu l-qagħda soċjali u psikoloġika tas-snin ta' wara l-Indipendenza li kienet tixraq sewwa għal dawn l-istrutturi ġodda. Kull poeta msemmi hawn fuq b'xi mod jew ieħor wassal il-ħsieb tiegħu mhux biss bl-użu ta' metafori differenti minn dawk tal-poeti tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel, iżda anki permezz tal-binja grammatikali u saħansitra viżiva tal-poeżija kif miktuba fuq il-karta.

Wieħed jista josserva l-użu tal-vers libre f'poeżiji bħal *Monologu mill-Gżira ta' l-Isponoż* ta' Massa, jew *Inġiniera Ġenetiċi* ta' Mizzi, fejn ir-rima hija mwarrba għal kollox, u versi b'tul differenti huma mqegħdin flimkien. Tista' tgħid li l-parti l-kbira tal-poeżiji msemmija jagħmlu użu minn din it-teknika.

Dak li jolqot l-aktar l-għajn huwa bla dubju ta' xejn il-*projective verse*, fejn il-poeta jqiegħed il-kliem tal-poeżija fuq il-karta b'tali mod li 'jpinġi' s-sitwazzjoni li jkun irid iwassal għaliha bil-ħsieb. F'*sitwazzjoni 10 battal* ta' Azzopardi, ngħidu aħna, għandna x-xbieha tal-"jien" tal-poeta f'nofs il-palk, li fiha nnifisha diġà timplika ċ-ċentru ta' l-attenzjoni. Il-poeta jenfasizza din is-sitwazzjoni billi jqiegħed il-kliem b'mod li viżwalment jevoka d-dwal tal-palk neżlin u ċċentrati fuq il-"jien":

blue beat fil-plateja
filliera siġġijiet battala
il-palk jixgħel is-sistema
ta' l-egoċentriżmu f'nofs
il-palk hemm
jien

Fenech juża din it-teknika f'*Sangraal* biex jevoka l-passjoni ta' Kristu anki f'dawn iż-żminijiet fost l-indifferenza tal-bniedem. Il-kliem huwa mqiegħed forma ta' salib:

u fil-
bogħod
jinstema' damdim
ta' xi msiemer
fuq
laħam
imtertaq
ma' zokk
isserrat

Albert Marshall huwa saħansitra aktar stravaganti fi *'Blindfold'*, hekk kif jaqsam il-kliem stess ittra ittra.

Ta' min josserva wkoll l-*enjambement* modern kif użat minn dawn il-poeti, fejn is-sens ta' vers ikompli fil-vers ta' warajh mingħajr ebda waqfa, bħal, ngħidu aħna, fi *Protesta Maltija* ta' Oliver Friggieri. Victor Fenech jagħmel dan bil-partijiet grammatikali tal-kelma bl-effett li jħalli iktar impatt fuq il-ħsieb wara l-kelma: "u ma / jeħodhielek". Jekk wieħed jerġa' jħares lejn *'Blindfold'* ta' Marshall isib eżempju aktar estrem: "tiddanda / n": eżempju viżiv tal-konfużjoni psikoloġika li l-poeta qed jipprova jittrasmetti.

Wieħed m'għandux jonqos li jsemmi wkoll il-poeproża karatteristika ta' Victor Fenech. Għalkemm miktuba forma ta' proża, maqsuma f'paragrafi u ftit li xejn versifikata, hija madankollu poeżija fil-metafora tagħha u fuq kollox fir-ritmu u s-sillabazzjoni, kif jista' juri l-istudju dettaljat ta' Oliver Friggieri fl-antoloġija ta' Fenech *F'Altamira*, fejn hemm l-istħarriġ tat-terminu poeproża. Barra mill-versifikazzjoni studjata Fenech għandu t-tendenza wkoll li jżellaq xi rima biex jenfasizza l-idea ċentrali tal-poeproża tiegħu, kif jidher f'dawn is-siltiet:

għax rajt ġuvni tal-bronż iħobb tfajla *pepprina*; u baqra
b'żewġt irjus u silla u *tina*.

(*Hemm Raħal*)

bla ħdura bla muntanji, bla xmajjar bla *wesgħat*; bi blat bħal
ras il-poplu mix-xemx *ipnotizzat*.

(*Din l-Omm li Tatna Isimha*)

Jekk wieħed jaqsam is-siltiet f'versi, bil-kliem fil-korsiv (tiegħi) fit-tarf, dawn jagħmlu versi rimati b'ritmu regolari. Eżempji oħrajn jinsabu f'*Emikranja*, *Dik is-Sena il-"Luftwaffe"*, *Ribell* u *Milied 70* fost oħrajn.

Il-poeti tas-snin sittin u tas-snin ta' wara kellhom tista' tgħid l-istess temi x'jiżvolġu bħall-poeti tal-ġenerazzjoni ta' qabilhom: patrijottiżmu, imħabba, reliġjon. Biss il-ħsibijiet tagħhom dwar is-suġġetti kienu bil-wisq differenti. Kellhom quddiemhom realtà oħra li bilfors kellha tbiddel il-viżjoni tagħhom tal-ħajja u li għaldaqstant ġabet magħha ħafna mistoqsijiet. Daħal id-dubju anki f'dak li darba kien sagru u l-identità ma baqgħetx daqshekk ċara: la nazzjonali, la soċjali, la spiritwali u daqstant persunali. Iżda madankollu sforz biex tiġi stabbilita ċerta identità sar permezz ta' l-istrutturi ġodda li daħlu fil-poeżija. Dawn l-istrutturi servew biex jagħtu identità kollettiva lill-poeti moderni, li setgħet tifridhom mill-poeti aktar tradizzjonali. Fuq kollox servew biex jagħtu identità individwali anki lil kull poeta, identità li setgħet tifridhom wieħed minn ieħor.

1. Ara d-daħla għall-parti msemmija "Il-Jien Taħt il-Martell", f'*Linji Ġodda*, ed. P. Serracino-Inglott, KKM, 1973.
2. Is-sekwenza loġika tan-narrattiva ta' din il-kitba tkompli f'*Ittra lis-Sur Mexxej* u f'*Erġajt fl-Għar*, fil-ġabra *F'Altamira*.
3. Peter Serracino-Inglott jissuġġerixxi li forsi l-kelma "kisba" seta' kellha l-istess effett fejn Azzopardi juża l-kelma "akkwist" (ara l-kumment tiegħu għall-poeżija f'*Linji Ġodda*). Jien ma naqbilx għal kollox. Il-kelma "akkwist" aktar tagħti sens ta' xi ħaġa mixtrija bil-flus: f'dan il-każ "fil-flus taċ-ċaħda", u għaldaqstant "akkwist" qiegħda f'lokha. "Kisba" kienet aktar tagħti sens ta' xi ħaġa mirbuħa jew mogħtija bi dritt milli mixtrija.

# Copy Club

1c5 per copy

Stationery

Binding

Full colour photocopying

Triq l-Esperanto

Tal-Qroqq, Msida

Tel. 319372

# Il-vjaġġ, it-tbatija u l-mewt fil-poeżija tas-sittinijiet

*Raymond Grech*

## Il-poeżija tal-vjaġġ

F'uħud mill-poeti moderni u l-poeżija tagħhom il-metafora rikorrenti l-aktar hi dik ta' xi ħadd li qiegħed jivvjaġġa. Il-bniedem qiegħed iqis lilu nnifsu bħala vjaġġatur li ġej minn x'imkien biex imur x'imkien. Il-ħajja tiegħu kollha hija vjaġġ li tgħaqqad minn fejn ġie għal ma' fejn sejjer. Il-metafora tal-vjaġġ hija komuni u qadima ħafna fil-kultura, l-aktar fil-poeżija, u fil-qasam nisrani, iżda hija ġdida, persunali, għal min hu poeta, jiġifieri għal min m'hux biss poeta bħalma hu kull bniedem ieħor, iżda hu poeta fis-sens sħiħ, jiġifieri jaf jesprimiha.

Nistgħu ngħidu li l-metafora tal-vjaġġ fil-poeżija Maltija introduċiha Dun Karm (1871-1961) fl-1938 permezz ta' *Il-Jien u lil hinn Minnu*. Dan wara li anki Dun Karm stess kien influwenzat minn poeti Taljani oħrajn, fosthom Ugo Foscolo u Alessandro Manzoni. L-idea tal-vjaġġ fil-poeżija sabet xorti kbira sa minn żminijiet antiki. Id-*Divina Commedia* hi eżempju ewlieni fit-tradizzjoni kollha: hi vjaġġ fiżiku u spiritwali.

## Il-ħajja bħala vjaġġ

Il-bniedem jgħaddi miż-żmien tul medda partikulari, u l-ħajja tiegħu hija vjaġġ mit-twelid sal-mewt. Huwa vjaġġ li lill-bniedem se jwasslu sa l-eternità. Il-ħajja nistgħu nqisuha wkoll bħala pont li jgħaqqad din il-ħajja mal-ħajja eterna. Għalhekk il-bniedem irid jivvjaġġa minn fuq dan il-pont.

Ħafna drabi l-bniedem ma jirrealizzax li l-ħajja hi vjaġġ u għalhekk f'ħajtu jimxi f'kull direzzjoni mingħajr ma jkun jaf fejn hu sejjer. Ħafna mill-bnedmin jimxu wara xulxin u fuq il-passi ta' xulxin bla ma jkunu jafu d-direzzjoni. Hekk jgħid Marjanu Vella f'*Aħna*.[1]

Ħjiel ieħor tal-ħajja bħala vjaġġ jagħtih il-poeta Mario Azzopardi f'*F'tarf l-oasi*.[2] B'din il-poeżija l-poeta juri li sakemm il-bniedem jinsab fid-dinja huwa jeħtieġlu jimxi. Dan iwassal għall-fatt li l-ħajja hija tibdil kontinwu.

## Il-bniedem bħala vjaġġatur

F'dan il-vjaġġ kontinwu l-bniedem huwa eżiljat u pellegrin. Postu m'huwiex f'din id-dinja u għalhekk ikollu jivvjaġġa bilfors. Il-bniedem jeħtieġlu jimxi mingħajr ma jieqaf għax jekk jieqaf ma jimxix aktar.[3] Dan jagħtina x'nifhmu li l-bniedem qiegħed jivvjaġġa anki spiritwalment. Jeħtieġ li fil-vjaġġ spiritwali tiegħu l-bniedem ma jaqax, għax jekk jaqa' jew jieqaf ikun diffiċli li jerġa' jqum. Il-bniedem huwa fraġli u minħabba f'hekk jaqbillu jibqa' miexi dritt. Il-bniedem għal Victor Fenech huwa vjaġġatur,[4] waqt li għal Mario Azzopardi huwa pellegrin.[5]

## Il-mewt – tkomplij tal-vjaġġ

Permezz tal-mewt ngħaddu minn din id-dinja għal dinja oħra; id-dinja ta' l-eternità. Mela l-mewt nistgħu nqisuha bħala mezz li bih se jitkompla l-vjaġġ li nbeda qabel din il-ħajja. Iżda għalkemm il-bniedem jaf li qed jivvjaġġa u jaf ukoll li jrid imut, għadu ma jafx x'se jsib wara din il-ħajja, meta jmut. Marjanu Vella jpoġġi l-mistoqsija jekk meta mmutu aħniex se naraw x'hemm wara l-mewt u jekk hux se jseħħ fina dak li qegħdin nittamaw, jiġifieri li nidħlu fil-ħajja ta' dejjem.[6] Mill-banda l-oħra Joe Friggieri jixtieq lil xi ħadd li jwasslu sal-mewt biex b'hekk ma jkunx hemm lok aktar għal tbatija li wieħed isib f'dan il-vjaġġ; fil-ħajja.[7] Iżda biex jasal dan il-mument irridu nimxu ħafna u allura nbatu ħafna. It-toroq huma kollha mħattba u biex wieħed jasal irid ibati.[8]

## It-tbatija

Matul il-vjaġġ tiegħu, matul ħajtu, il-bniedem jeħtieġlu jbati u hawnhekk insibu t-tbatija mentali u t-tbatija fiżika. Il-poeta modern huwa konxju wkoll minn din il-problema u għalhekk ittrattaha fil-poeżija tiegħu. Insibu fażijiet fejn il-poeta modern kważi kważi jirribella kontra din it-tbatija u ma jaċċettahiex. F'fażijiet oħrajn il-poeta jirrassenja ruħu u saħansitra jqisha bħala parti mill-ħajja għax warajha tiġi t-tgawdija.

## Il-bniedem ibati għax jifhem

Minn *Aħjar* ta' Oliver Friggieri naslu għall-konklużjoni li l-bniedem ibati għax jifhem. Fil-fatt f'din il-poeżija l-poeta jitlob lill-Mulej li kien ikun aħjar kieku kien ħaxixa jew bhima flok bniedem.[9] Jidher hawnhekk li l-bniedem qiegħed ibati għax għandu d-dehen li jifhem sewwa x'inhu jiġri madwaru. Moħħ il-bniedem jidher li ma jistax jifhem ċerti problemi u tbatijiet li qegħdin jiġru madwaru u għalhekk jimtela bid-dubju u jibqa' jbati għal ħajtu kollha. Huwa l-fatt li l-bniedem jiddubita li jġiegħlu jbati. Għalhekk Friggieri jqis li:

> Aħjar kont kollox barra bniedem mgħobbi
> b'dal-moħħ dubjuż li jsaqsi w xejn ma jifhem.[10]

# Dlonk iskot!

Meta d-dlam jinfirex tebgħa
fuq l-ikħal tas-smewwiet,
… dlonk iskot …
u inżel għarkubbtejk
u sammar ma' l-art widnejk,
u isma' t-tnehid
ta' żrieragħ bla sabar,
u t-tmattir xaħxieħi
ta' l-għeruq jerdgħu
għatxana
mill-benna tat-tira,
u n-nebbieta tberren id-dlamijiet
ta' ġufet l-art …
… U isma' mbagħad il-ħoss,
li dejjem joqrob,
tan-nagħal taż-żiemel abjad
ilebbet rebbieħ … setgħan

*Carmel Calleja*

# Alla bla ħniena

Ħarist lejn il-mera,
U lmaħt jitbissem
Alla bla ħniena.

Ħassejtu jgħannaqni,
Stħajjiltni mitluf
F'nofs l-għalqa ta' l-issa,
Il-qabel, l-imbagħad,
Imrikkeb f'karozza
Mingħajr brejkijiet
Tiġġerra lejn dalma,
Abiss bla dawrien.

Ħarist lilhinn minnu;
Iżd' hemm baqgħet dik,
Ġo rasi, t-tbissima.
Tirann il-Fantażma
Li jsajjar u jgħarraq
Il-ħajja; il-Lupu
Għal dejjem imġewwaħ.

Fejn naħrab m'għandix.

*Norman C. Borg*

# Il-biljett irħis, Il-prezz għali

Il-passaġġ għal ġol-globu lotterija,
imsarraf mis-sħana, il-biljett irħis.

Il-qtar mgħammed fuq l-iskutella,
bil-kuraġġ ta' l-artal maġġur,
jixtieqlek il-vjaġġ it-tajjeb
f'makkinarju difettuż.

Il-ferrovija m'hemmx li tasal.
Tgħaddi x-xafra tikkonfondi
tterraq mal-linji tal-vina
tfittex passaġġ bid-dejn
mill-globu għall-infern.

Il-ferrovija ma tafx tieqaf,
il-biljett ma jinbidilx.
Il-vjaġġ fil-globu għali nfern;
il-passaġġ irħis, il-vjaġġ għali,
il-fwar taċ-ċumnija għall-infinit.

*Marcel Zammit Marmarà*

# Int

Int għalqa maħsuda mix-xemx,
Sema mingħajr sħab, ġuf bla tfal.
Inti għasfura tas-sema, tkanta l-ħelsien,
Strument bla ħsejjes, kamra bla bibien.

Int dar vojta mħarsa mill-iħirsa,
Abbozz bla ħajja, eku ta' bir.
Int ċimiterju bla isem, Knisja bla
mgħallem,
Muftieħ imkisser, kelma bla ittri.

Int l-Univers imċajpar tiegħi,
Mitlufa fi ħdan iż-żodjaku,
Tgħajjat ħa tinstema', u ssodd
Widnejk ħa ma tismax id-dagħwa
Tiegħi.

*Joe Bugeja*

# Il-ħuta-ġebla

Il-ħuta-ġebla ċassa
ċassa blata mal-blat ta' oċean midbiel
tistenna ċkala gamblu ċkala
u darba fill l-iskorfnu l-kbir isinn il-qrun
u l-oċean mibdiel
jonfoħ u jaqla' l-ħama
u jibqa' dak li kien
ċkala ċkala gamblu
u darba fill l-iskorfnu l-kbir
u jerġa' ċkala ċkala gamblu ċkala

toħlom il-ħuta-ġebla
tistenna t-terremot il-kbir
li jheżżeż l-oċean mill-qiegħ
u ma jħallihx mibdiel

xi darba

u darba tfaqqa' s-sajjetta fil-bnazzi
jibda l-orgażmu mdemmi
l-eternità ta' l-ilma qiegħed jifga kollox
alka mdennsa toħnoq il-griżmejn
dudu kankru jfaqqas taħt il-ġilda
gamblu ġuda ngassa taħraq f'ruħek
tinsilet tegħreq fl-arja tikwi xemx
tistira f'kaxxa silġ

➠ iv

froxna msadda tgħawwar ġol-ġewwieni
blata dinja ġgant jitmattar
tisħaq ħuta-ġebla ċassa
ċassa blata mal-blat ta' oċean li darba kien.

Sabiħa kull ċaqliqa li ma ċċaqlaq

xejn.

*Karmenu Azzopardi*

# L-istazzjon

Ara ġejja l-ferrovija,
min jaf meta? min jaf kif?
Tasal, titlaq, donna berqa
li tinfena mat-twelid.
Impustat ġo globu jredda
diqa, mard, ġenn, garr u ġlied.
Li kont tlift il-ferrovija,
li kont taf fejn ser tintemm,
jekk il-vojt qatt ma jimtela
żgur kont tiċħad dan id-demm.
Ara ġejja l-ferrovija,
min jaf meta? min jaf kif?

*Marcel Zammit Marmarà*

# Fil-Gżira tal-Wiżż

**(Ħolma ta' min xtaq li l-ħajja tkun fantasija infantili)**

Fil-gżira tal-wiżż
rajt dell fuq l-għadira
- ħarist 'il fuq u ma lmaħt xejn
Fil-gżira tal-wiżż
dammejt ġiżirana bil-fjuri tal-wied
dawwartha m'għonqi
u sirt trasparenti
Fil-gżira tal-wiżż
ħlomt ħolma kuluri
rieqed fuq l-art niedja
b'demgħat il-lejl

Qomt bl-għanja tat-tfajla
li tħares il-gżira tal-wiżż
xuxitha iswed twil·
għajnejha r-Rebbiegħa
U b'idi f'idejha
u ħarist f'għajnejha
tirna flimkien
fis-sema bla tmiem

Mill-għoli
il-gżira tal-wiżż
rajniha ħolma fil-bogħod
u għalina t-tnejn
kien għad fadal is-sema
u l-kobor tax-xejn

*Christopher Cilia*

# Eku

Quddiem fjamma titriegħed fil-lampa,
Jiena qegħda niċċa sa fix-xejn,
Dawl safrani rifless ta' l-imgħoddi,
Ħsibijiet jinġabru bil-lej'.

Il-ftit dawl illi ħiereġ jitliegħeb
kollox jidher midfun f'dellijiet,
U fis-satra tad-dalma fiddiena
Hemm jimirħu tar-ruħ ħsinijiet ...

Għaliex qabel ma l-għajnejn jingħalqu
Meta l-kesħa tinfirex ftit ftit,
U fil-ħemda tas-skiet illi jsaltan
Ħsibijiet jtiru fis fik ...

Forsi għax kollox qed jidher bħal f'ħolma
Forsi l-eku qadim isaħħarni
It-tgedwid ta' kuruna rużarju
Fin-nanniet u l-imgħoddi jfakkarni.

Forsi għax f'dawk is-snin, Poeżija,
Kienet timraħ bil-ħlejju kuljum
u titwaħħad ma' qasrija fis-setaħ
Għanja b'kitarra fuq karettun.

Iżda r-ritmu ta' trajbu bizzilla
U qtar jaqa' f'ġarra tal-fuħħar
Għadhom jidnu ... sakemm tibqa' l-imħabba
U il-milja taż-żmien ikun sar ...

*S. Vassallo*

# tik TOK tik

Fis-satra tal-lejl jum wara jum
ħsieb ta' dinja oħra 'l hinn mill-qabar
sikwit fis-skiet isefsef u jqum
maħsud, maħsul f'qamar mibdul. Idur

ħsieb sabiħ, swied is-sensi għassies
u meqjus jissokta jistaqsi:
"Fil-miżien f'liema keffa jitqies?
imil l-għemil, xellug, lemin? Qis"

Hekk polz il-jum tul il-lejl itektek
u fiss il-fus, lir-ruħ spiss ibus
isus fuqu 'nnifsu, izekzek.

Jitħabbeb ma' tat-tokk it-tikki
tokki; fellus kurjuż f'moħħ marsus,
sa tbakkar ... u tħabrek ... tiskorri.

*Mary Doris Chircop*

# Ċaqlembuta

Fuq naħa hemm jien.
Fuq l-oħra il-jien.
It-tnejn medhija,
jimpikaw flimkien.

Telgħin u neżlin.
Neżlin u telgħin.
Qatt ma jieqfu
mill-misħuta logħba.

*Shirley Micallef*

LEĦEN IL-MALTI

NSTS STUDENT AND YOUTH TRAVEL

## L-GĦAN EWLIENI

***Biex tkattar u tħaffef is-safar għall-istudenti u ż-żgħażagħ mingħajr qligħ biex b'hekk ikollhom lok ta' żvilupp personali bl-esperjenza meħuda mis-safar***

### IŻDA X'INHUMA L-FATTI?

Li kieku int sifirt lejn Londra fis-sajf ta' l-1988, il-passaġġ bl-ajru li joffrulek biss l-NSTS Student and Youth Travel kien jiswiek Lm100. Dan is-sajf, il-prezz kien Lm99. Dawn il-passaġġi bl-ajru offruti liż-żgħażagħ ta' taħt is-sitta u għoxrin sena mill-NSTS huma mhux biss għall-pajjiżi ta' l-Ewropa, iżda jkopru l-bliet mad-dinja kollha.

Iżda dan huwa biss wieħed mill-ħafna beneficċji li toffrilek l-NSTS! Wieħed jista' jsemmi l-beneficċji finanzjarji liż-żgħażagħ jistgħu igawdu permezz tal-pakkett finanzjarju YeS li l-NSTS żvillupat flimkien mal-Mid Med Bank. Wieħed jista' jsemmi wkoll l-attivitajiet li l-NSTS torganizza ta' kull sena bl-għan li tgħin iż-żgħażagħ Maltin isaħħu l-karattru tagħhom.

Forsi wieħed jistaqsi l-għala l-NSTS tagħmel dan! Ir-raġuni hi li l-NSTS twaqqfet minn studenti żgħażagħ fl-Universita' u għadha sa llum taħdem fil-kamp taż-żgħażagħ, bi staff professjonali żagħżugħ. Dan wassalha biex l-NSTS tkattar is-servizz li tista' toffri liż-żgħażagħ fuq skala nazzjonali u internazzjonali għall-beneficċju tiegħek.

NSTS Student and Youth Travel: noffrulek ferm iktar milli kont taħseb!

Serviżż ta' Kwalità

220 Triq San Pawl Valletta VLT 07 • Tel: 24 49 83

## It-tbatija ta' l-art

Biex l-art tagħti l-frott jeħtieġ li tinħadem għax xejn ma jiġi mingħajr xogħol. Barra minn hekk jeħtieġ li l-frotta tmut biex tagħti frott ieħor. Dan juri li biex l-art tagħti l-frott jeħtieġ li jkun hemm it-tbatija. Mingħajr tbatija l-art ma tasalx biex tagħti l-frott tagħha. Ta' din il-fehma huwa Joe Friggieri fi *Twelid.*[11] F'din il-poeżija huwa jieħu eżempju mill-parabbola ta' Kristu tal-qamħa li waqgħet f'art tajba.

Marjanu Vella jqabbel lill-bniedem ma' l-art fis-sens li l-bniedem ukoll irid ibati biex jikseb ċerti riżultati. Iżda bħalma l-art tithenna meta jasal l-ilma, hekk ukoll il-bniedem jimtela bit-tama wara t-tbatija.[12]

## It-tbatija tal-mard

Waħda mit-tbatijiet il-kbar li l-bniedem jidher li qed isofri hija t-tbatija tal-mard. Il-mard jista' jkun kemm fiżiku u kemm mentali. Il-poeta li jidher li hu preokkupat l-aktar b'din il-problema huwa Oliver Friggieri.[13] F'mument minnhom huwa jippreżenta kuntrast bejn il-ħajja f'xatt il-baħar u l-ħajja ġo sptar, fejn tant tirrenja t-tbatija li saħansitra jitolbu li tiġi fuqhom il-mewt.[14] Donnha li l-mewt hija l-unika soluzzjoni għal din it-tbatija.

Tbatija oħra tidher li hi tal-mard mentali. Huwa mard li għalkemm ma jidhirx minn barra xorta jġiegħel lill-bniedem ibati. Ħafna drabi l-bniedem ma jkunx jidher li hu marid iżda madankollu jista' jqis ruħu mal-morda, kif jistqarr Oliver Friggieri f'*Il-bieraħ mort l-isptar.*[15] Hija tbatija li għalkemm ma tidhirx xorta qiegħda hemm.

## M'hemmx tgawdija bla tbatija

Achille Mizzi u Marjanu Vella huma tal-fehma li biex il-bniedem jasal għat-tgawdija jrid jgħaddi mit-tbatija. Wara li Alla ħalaq il-bniedem u dan dineb, ġie mkeċċi mill-Ġenna ta' l-art u Alla ħabbar lill-bniedem li biex jiekol jeħtieġ ibati.[16] Hawnhekk il-bniedem jidher rassenjat b'din it-tbatija għax warajha se jara t-tgawdija. Achille Mizzi jippreżenta dan kollu f'*Radikaliżmu.*[17] Marjanu Vella jestendi dan il-ħsieb u jasal għall-konklużjoni li mingħajr it-tbatija tal-ħlas la jkollna ħajja u l-anqas qawmien.[18]

## Il-mewt

L-aħħar ostaklu fil-ħajja li jħasseb sewwa lill-bniedem huwa l-mewt. Mhux il-poeti kollha jħarsu lejn il-mewt mill-istess lenti. Uħud rawha bħala dik ix-xiħaġa li teqred il-ħajja, oħrajn rawha bħala raqda, waqt li oħrajn xtaquha biex teħlishom minn xi problema oħra.

Meta l-bniedem jistaqsi min hu, bilfors li jasal biex juri interess qawwi fil-mewt. Il-mewt hija waħda mit-truf tal-ħajja li forsi tista' tagħtina tarf tal-misteru etern – x'hemm wara din il-ħajja. Permezz tal-mewt il-bniedem jista' jkun aktar konxju minn dak li jkun qed jagħmel. Aktarx li l-bniedem jgħix b'aktar intensità, b'aktar solennità, b'aktar profondità fil-preżenza jew fil-qrubija tal-mewt.

## Il-mewt ittemm il-ħajja

Uħud mill-poeti moderni jħarsu lejn il-mewt bħala dik ix-xiħaġa li teqred jew ittemm il-ħajja. Jidher li fid-dinja m'hawn xejn ċert ħlief il-mewt. Hekk jistqarr Victor Fenech f'*Ballata 69*.[19] Il-ħajja hija mpinġija bħala piramida fejn fil-ponta wieħed isib il-mewt, li hija l-unika ħaġa ċerta. Mill-banda l-oħra Philip Sciberras iqis id-dinja bħala brimba bl-għanqbut fejn il-bniedem jinqabad biex imut.[20]

Wara li jkun bata biex kiseb ċerti ħwejjeġ, il-bniedem ftit jidher li jistenna li jmut. Iżda jrid u ma jridx il-bniedem irid imut kif jistqarr Carmel Attard f' *Wara dan kollu*.[21] Il-poeta jistqarr li wara ħajja ta' sagrifiċċji wieħed jistenna l-glorja, iżda minflok tiġi l-mewt. Hawnhekk wieħed forsi jista' jaħseb li l-poeta qed iqis il-mewt bħala l-aħħar tarġa tal-bniedem u mhux bħala l-passaġġ li tgħaddih għad-dinja l-oħra.

Oliver Friggieri jqis il-mewt bħala dik ix-xiħaġa li tinkina.[22] Minħabba f'hekk wieħed m'għandux joqgħod jibża' mill-mewt għax inkella jeħodha aktar bi kbira meta tkun riesqa. Dan jurina li l-bniedem għandu jżomm f'moħħu li jrid imut bla ebda biżgħa.

## Il-mewt bħala xewqa tal-bniedem

Minħabba t-tbatija kbira li l-bniedem qiegħed isofri fid-dinja jaslu mumenti fejn huwa stess jitlob il-mewt. Din it-tema wieħed isibha wkoll fost il-poeti moderni.

Oliver Friggieri jsemmi żewġ tipi ta' tbatijiet. Dik tal-mard u dik tas-solitudni. F'*Solitudni* Friggieri jgħarbel sewwa l-problemi li ġġib magħha s-solitudni, li jwasslu għat-tbatija. Ir-riżultat ta' dan kollu jkun it-talba bil-ħniena lill-Mulej biex tiġi l-mewt u tieħdu magħha.[23] Dan jurina kemm hija kbira t-tbatija tas-solitudni. Mill-banda l-oħra f'*Laħam* Friggieri jitkellem dwar it-tbatija tal-mard; tip ta' tbatija li wkoll twassal il-bniedem biex isejjaħ lill-mewt bħala ħanina.[24] Nikkonkludu hawnhekk li meta l-bniedem jasal f'ċertu punt ta' tbatija, jasal biex jitlob il-mewt. Victor Fenech iqis il-mewt bħala l-liġi t'Alla u x-xejra tan-natura iżda fl-istess waqt huwa jgħid li hija wkoll ix-xewqa tiegħu li jmut.[25] B'hekk il-poeta qed jurina li l-bniedem qed ibati fid-dinja b'mod li l-unika xewqa li jifdallu hija li tiġi l-mewt u tieħdu. Hawnhekk ma tidhirx li hija stqarrija ċara daqs dik ta' Friggieri, li rajna qabel.

## Il-mewt bħala raqda

Uħud mill-poeti moderni jqisu l-mewt bħala raqda biss u xejn iżjed. Hija raqda li twassal għall-ħajja l-oħra. Minħabba f'hekk il-bniedem m'għandux jibża' mill-mewt, anzi għandu jħares lejha b'mod ottimist għax warajha hemm ħajja ġdida, il-ħajja ta' dejjem. Kristu stess sejjaħ lill-mewt bħala raqda meta mar biex iqajjem lit-tifla ta' Ġajru mill-mewt.[26]

F'*Fil-Mewt ta' Ħabib* Lawrenz Cachia jistqarr li x'ħin iħares lejn tebut ifakkru fil-mewt. Fl-istess ħin huwa jagħti l-kwalitajiet umani lit-tebut għax għalih qiegħed iħaddan lill-bniedem f'raqda twila, li hija l-mewt.[27]

Għal Carmel Attard il-mewt ma teżistix imma teżisti biss il-ħajja. Għalih il-mewt hija biss passaġġ li wieħed jgħaddi minnu minn din il-ħajja għall-oħra.[28]

Minħabba f'dan kollu Achille Mizzi jwassalna għall-konklużjoni li m'għandniex nibżgħu mill-mewt u minn dak li jsir warajha.[29] Dan juri l-fidi soda li għandu l-poeta modern f'dak li jiġri wara l-mewt, jiġifieri fil-ħajja ta' dejjem.

## Ir-rebħa fuq il-mewt

Fl-aħħar tad-dinja kollox jerġa' jieħu l-ħajja għall-ħaqq tal-Mulej u l-Mewt ma tirrenjax aktar. Bħalma Kristu ħareġ rebbieħ fuq il-mewt, hekk ukoll se jagħmlu l-bnedmin fl-aħħar tad-dinja, fil-ġudizzju universali. Fl-aħħar tad-dinja l-mewt ma tidhirx aktar u għalhekk ir-rebħa fuqha tkun totali. Marjanu Vella jitkellem dwar ir-rebħa fuq il-mewt fi *Tromba*.[30]

## Il-vjaġġ, it-tbatija, il-mewt

Għaqqadna dawn it-tlieta flimkien għax nistgħu ngħidu li waħda twassal għall-oħra.

Il-bniedem fid-dinja jista' jitqies bħala vjaġġatur u pellegrin minħabba l-fatt li jrid imut. Postu m'huwiex hawn u għalhekk irid jibqa' għaddej. Il-poeta modern huwa konxju minn din il-ħaġa u għalhekk fil-poeżija tiegħu ttratta din il-problema li twassal għat-tnejn l-oħra, it-tbatija u l-mewt.

Il-bniedem jeħtieġlu jbati biex jgħix. Il-poeta modern jara t-tbatija minn diversi angoli, fosthom it-tbatija minħabba l-intelliġenza, it-tbatija tal-mard u oħrajn. F'ċerti poeżiji l-poeta jirribella kontra t-tbatija waqt li f'oħrajn jirrassenja ruħu u jsir parti minnha. F'poeżiji oħrajn il-poeta jammetti li biex wieħed igawdi jeħtieġlu jbati.

Wara dan kollu tasal il-mewt. Xi poeti ħarsu lejha bħala tmiem ta' ħajja waqt li oħrajn ħarsu lejha bħala bidu ta' ħajja ġdida. Hija tagħqida bejn din id-dinja u l-oħra. Mill-banda l-oħra kien hemm poeti li fil-poeżiji tagħhom urew ix-xewqa tal-mewt minħabba t-tbatijiet kbar ta' din id-dinja. Nikkonkludu iżda li l-poeta modern iħares lejn il-mewt bħala problema soċjali u soluzzjoni spiritwali.

1. Cfr. vv.10-12.
2. Cfr. vv.1-2.
3. Cfr. M. Vella, *Tluq*, vv.5-8.
4. Cfr. *Testment*, v.7
5. Cfr. *Tao Te Cing*, vv.31-35.
6. Cfr. *Il-Ħajt*, vv.13-16.
7. Cfr. *Vjaġġ*, vv.1-9.
8. Cfr. M. Vella, *Wegħda*, vv.1-4.
9. Cfr. vv.1-5.
10. *Aħjar*, vv.6-7.
11. Cfr. vv.5-7.
12. Cfr. *Uġigħ*, vv.1-3, 10-12.
13. Cfr. *Doqquli n-Noti tqal*; *Il-bieraħ mort l-isptar*; *Nixtieq nidħol inqalleb*; *Solitudni*; *Laħam*.
14. Cfr. *Laħam*, vv.12-14.
15. Cfr. vv.1-12.
16. Cfr. Ġen., III, vv.16-17.
17. Cfr. vv.6-9.
18. Cfr. *Ħlas*, vv.9-12, 29-32.
19. Cfr. vv.11-12.
20. Cfr. *Meditazzjoni*, vv.21-26.
21. Cfr. vv.1-4, 9-12.
22. Cfr. *Dalwaqt*, vv.5-10.
23. Cfr. vv.61-68.
24. Cfr. vv.7-14.
25. Cfr. *Testment*, vv.21-23.
26. Cfr. Lq., VIII, vv.49-56.
27. Cfr. vv.16-20.
28. Cfr. *Clichè*, vv.32-35.
29. Cfr. *Tibżax*, v.1.
30. Cfr. vv.9-12.

# Poeżija ġdida għal żminijiet ġodda

*Marcel Zammit Marmarà*

"L-individwalità Mediterranja kellha tieħu s-snin mhux biex tinkiseb iżda biex titfisser, tinfeda u tieħu sura poetika, imnaddfa mill-preġudizzji mgħaġġla ta' epoka sperimentali u qasira."[1]

Is-snin sittin kienu snin ta' taqlib. F'ħafna nħawi tad-dinja seħħu jew kienu qegħdin iseħħu bosta ġrajjiet storiċi. L-imperjaliżmu u l-kolonjaliżmu bdew iħossu t-toqol ta' l-effetti tas-sistemi tagħhom. Eluf kienu qed imutu fil-Vjetnam. Pajjiżi Afrikani bdew jiksbu l-indipendenza tagħhom anki jekk biċ-ċarċir tad-demm, kif kien ġara fl-Alġerija. Fil-Libja kienet twettqet ir-rivoluzzjoni u ċ-Ċekoslovakkja kienet għaddiet mir-'Rebbiegħa ta' Praga'. Fost l-irvellijiet ta' l-istudenti nsemmu dawk ta' Franza, li kienu influwenzati minn awturi bħal Jean Paul Sartre.

Il-poeti f'Malta ta' dan iż-żmien li qegħdin insemmu ma kinux biss motivati mill-kunflitti politiko-reliġjużi interni u l-kwistjoni ta' l-Indipendenza, iżda ħassew ukoll il-kurrenti tat-taqlib dinji. Minn hawn beda l-proċess li wassal lil dawn il-kittieba biex jaħdmu b'kuxjenza aktar universali. Lokalment is-snin sittin nassoċjawhom ma' l-Indipendenza. Fil-waqt li Malta għaddiet mill-kolonjaliżmu għas-sovranità, l-arti wkoll fittxet spunti ġodda.

Il-valuri, il-kriterji, il-forom, il-lingwaġġi u l-bqija li jsawru l-letteratura, jitbiddlu minn żmien għal ieħor, għaliex il-ħajja hi ċaqliq. Xi valuri qodma jitbiddlu biex jidħlu oħrajn flokhom, u jwasslu biex l-estetika titbiddel ukoll.

Il-poeti moderni Maltin kienu wkoll ulied iż-żmien li kienu qegħdin jgħixu fih. Ħassew l-effett ta' x'sar qabilhom kif ukoll ta' dak li kien qiegħed isir fi żmienhom. L-isfida persunali tagħhom kienet ta' x'ser jagħmlu huma stess. Id-direzzjonijiet kienu ġodda. F'dan id-dibattitu l-letteratura ma kinetx identifikata ma' kawża lingwistika. Id-dibattitu kien kollu kemm hu estetiku. Il-poeti moderni Maltin riedu qtugħ mit-tradizzjoni. Jekk nieħdu l-idea tas-sabiħ, it-tradizzjonalisti emmnu li s-sabiħ assolut instab; il-modernisti saħqu li l-qadim għandu jitwarrab jekk qdiem, sabiex minfloku jidħol is-sabiħ il-ġdid.

Il-bixra ewlenija tal-letteratura Maltija sas-snin sittin hi patrijottika, reliġjuża, organizzata fuq il-pjan ta' liberazzjoni għall-Indipendenza. Il-kittieb Malti sas-snin sittin kellu jimpenja ruħu u jaqbel mal-kawża nazzjonali. Wara li nbniet id-definizzjoni romantika ta' nazzjon, il-kittieb Malti ried jaġġorna ruħu politikament u kulturalment. Ried jinterpreta l-bidla minn pajjiż kolonjali għal wieħed ħieles, aktar miftuħ għall-mentalità kontinentali. Il-patrija Maltija kienet saret sinonima ma' glorji remoti bħall-Assedju l-Kbir u t-Tieni Gwerra Dinjija li fil-fatt ma nisslu l-ebda titjib fil-kundizzjoni soċjali jew intellettwali ta' poplu maħkum, poplu li dejjem iddefenda l-interessi ta' ħaddieħor. Il-poeżija moderna waqqgħet l-immaġni ta' Malta trijonfali. Il-poeżija ta' dan iż-żmien hija mimlija bi xbihat li jċarrtu l-illużjoni ta' Malta idillika biex minflok tkun proposta l-immaġni ta' Malta kerha u mmankata. L-innu patrijottiku kien jistona mal-qagħda soċjali u intellettwali tal-poplu. Il-poeti l-ġodda ħassew li fil-letteratura lokali kien hemm riġidità tematika kif ukoll teknika. Issa wara l-Indipendenza baqgħet tinħass ir-rabta mentali neo-kolonjali minflok ir-rabta politika. Il-ħsieb pro-Taljan jew pro-Ingliż ta' l-epoka ta' qabel rabat lil Malta bil-katina mentali ta' l-ilsir.

Fl-immaġni ta' l-omm bħala l-Patrija, figura mingħajr difetti u nuqqasijiet, inħolqot għamla ta' identità nazzjonali. Il-poeżija kienet marbuta mat-temi tal-patrijottiżmu, l-ilsien Malti, u reliġjożità tat-tip devozzjonali ta' poplu fanatiku. Il-poeti moderni lemħu sura sproporzjonata li twassal għal gidba nazzjonali. Dan kien poplu żgħir li fil-fatt kien għadu lanqas stabbilixxa ruħu politikament, u l-kwistjoni politiko-reliġjuża kienet għadha friska. Fejn qabel kien hemm bżonn li l-poeti jissublimaw lil Malta, issa beda jinħass in-nuqqas ta' bażi, bħallikieku kollox kien mibni fuq ir-ramel. Il-Malta glorifikata sfat sfiduċjata mill-poeti tas-sittinijiet. Malta ma baqgħetx ir-reġina tal-Mediterran. Il-kuxjenza letterarja moderna għaddiet l-ewwel biex tistaqsi dwar l-identità vera tal-Maltin.

Il-kult tal-patrijottiżmu kien ilu li nqata' mill-Ewropa, u l-awtur Malti għadda wkoll mid-definizzjoni ta' nazzjonalità għal waħda aktar universali. Id-definizzjoni nazzjonali kienet saret irrelevanti għall-kittieba moderni. Iċ-ċertezza ta' qabel issa għaddiet għall-mistoqsija li għalissa ma kienx hemm tweġiba għaliha. Fil-waqt li r-romantiċi ta' qabilhom saħqu fuq iċ-ċertezza etnika, politika, lingwistika, reliġjuża u kulturali, il-poeti ġodda għaddew għall-mistoqsija, għad-dubju. Dak li kien ċert u sempliċi ma baqax jgħodd għal min beda jistaqsi f'sens aktar wiesa' u internazzjonali. Il-mistoqsija ħadet xejra psikoloġika fejn mill-affermazzjoni romantika għaddew għas-suġġestjoni. Il-ġrajja letterarja Maltija għaddiet miċ-ċertezza għad-dubju.

L-ilħna ġodda li bdew jidhru fl-ewwel snin tas-sittinijiet kellhom bżonn idejoloġija li tgħaqqadhom flimkien u ma jibqgħux xogħlijiet mitluqa għal rashom.

Kien jonqos dak l-element komuni li jiġborhom f'moviment. Il-kittieba żgħażagħ Maltin xtaqu li l-letteratura Maltija ma tibqax lura ħdejn dik tal-kontinent. Emmnu li hi wkoll għandha titwessa' u taqbad toroq ġodda. Il-poeti l-ġodda ntebħu bl-għeluq ta' din il-gżira, riedu jiftħu l-orizzont limitat sabiex jieħdu nifs aktar frisk, 'il barra mil-limiti ta' pajjiżhom. Ħassew il-ħtieġa, u fittxew li l-letteratura Maltija tinġieb fuq l-istess livell tal-kitba tad-dinja.

F'dan il-kuntest fl-1966 twieled il-Moviment Qawmien Letterarju. Fost l-għanijiet prinċipali, dan il-moviment ħabrek biex ikabbar fil-poplu Malti interess fil-letteratura. Il-moviment ħabrek ukoll sabiex il-letteratura Maltija taġġorna ruħha ma' l-aħħar xejriet fil-letteratura internazzjonali. Kellu l-għan ukoll li jwassal fost il-poplu x-xogħol tal-kittieba. Ħsieb ieħor kien li permezz tal-letteratura jgħaqqad lill-poplu Malti mal-bqija tad-dinja.

Dak li qabel kien patrijottiżmu insulari beda jieħu dimensjoni ta' ċittadinanza universali. Il-ġeografija ġiet megħluba intellettwalment biex bdiet tilħaq spazji usa'. Il-poeta m'għadux id-difensur jew il-leħen tal-mit nazzjonali; minflok il-kult partikulari daħlet is-sensibilità aktar wiesgħa ta' attitudni universali u kożmika. Dak kollu li kien tabù u pprojbit ried jittalla' fil-wiċċ: ipokrisija politika, ipokrisija ekklesjastika, il-faqar letterarju, il-mentalità kolonjali, il-moħħ tal-folla li ma tridx jew ma jaqblilhiex taħseb, u l-bqija. Il-moviment kellu quddiem għajnejh il-qagħda vera tal-Maltin; ried li tiddaħħal raġuni ġdida u tiġdid kreattiv, ħalli tinbena kultura ġdida u ħsieb ħieles mill-imgħoddi kolonjali.

Il-kontenut ma jistax jeżisti mingħajr forma (anzi l-kelma tbiddel l-idea f'forma), u għalhekk ma setgħetx ma tonqosx il-ħtieġa ta' forom ġodda. La kien hemm tiġdid tematiku, mela riedu jinstabu wkoll forom ġodda. Il-poeti moderni issa ma kinux qed jiktbu biex jagħtu dinjità lill-ilsien Malti, barra l-livell letterarju. Ma kinux qegħdin iħarrġu l-lingwa Maltija biex jgħolluha għal-livell letterarju.

Bosta kienu dawk li xlew il-poeti ġodda b'nuqqas ta' sens storiku, b'nuqqas ta' rabta bejn l-imgħoddi u l-preżent. Kien hemm min sejħilhom ribelli, għax dehru li riedu jibdew kollox mill-ġdid. Il-poeti żgħażagħ mhux biss riedu jinqatgħu mit-tradizzjoni fi ħsibijiethom, iżda wkoll permezz ta' lingwa aktar wiesgħa u aktar ħielsa; bla ma jħallu l-forma tkun maħnuqa mill-idea tal-lingwaġġ safi u kostruzzjonijiet klassiċi.

Dawn l-awturi enfasizzaw li l-iskop tagħhom kien li jitgħallmu l-lingwa biex iħaddmuha b'mod differenti. Fil-kritika moderna kien ilu li daħal il-prinċipju tad-devjazzjoni mill-istandard. Il-ħarsien tal-lingwa kien kawża oħra u apparti. L-interess

ta' dawn l-awturi ġodda issa kien li jitgħallmu l-lingwa biex iħaddmuha b'mod letterarju, b'mod estetiku. Il-lingwa kienet l-għodda li biha l-poeta ried joħloq letteratura b'forma differenti minn dik ta' qabilha.

Il-kuxjenza ġdida ħtieġet li l-Malti użat fil-letteratura għandu jieħu l-elementi tiegħu mir-reġistri kollha ta' l-ilsien mitħaddet u miktub. Twaqqgħet l-idea li l-kliem kellu jingħażel minn tipi ta' reġistri partikulari li kienu xierqa għal-letteratura. Dan l-ambjent modern kien qiegħed jitlob ilsien aktar imżewwaq, meħud mir-reġistri kollha sabiex ifisser il-polz ta' soċjetà moderna. L-idea tal-Malti safi bdiet tinħall, u l-Malti rumanz beda jkun aktar aċċettat. Il-poeti saru iżjed konxji tagħhom infushom u fittxu għodod aħjar biex ibiddlu t-tiġrib persunali tagħhom f'poeżija.

Malta kellha tadatta politika ta' pajjiż indipendenti, tgħaddi mill-ħasda tal-bidla, bejn ħakma kolonjali u tmexxija ħielsa, għalkemm il-ħakma kolonjali ħalliet warajha l-fdalijiet tagħha. Il-poeti warrbu'l Malta qadima u allura warrbu magħha wkoll ix-xbieha poetika milqugħa. Ittamaw li min jaqra l-poeżiji tagħhom mhux biss jifhimhom iżda jbiddilhom f'azzjoni. Dan mhux dejjem kien faċli minħabba r-rassa tat-tixbihat, xi kliem tekniku u n-nuqqas tal-mużikalità. Għaldaqstant l-iskop tagħhom kien li jressqu kemm jista' jkun viċin il-poplu. Xhieda ta' dan huwa t-twarrib tal-vers konvenzjonali u l-forom tiegħu, kif ukoll karatteristiċi oħra bħalma hu t-twarrib tal-punteġġjatura. L-iskola moderna fittxet forom metriċi oħra, maħlulin mir-reġimentazzjoni ta' qabel. Saħansitra twarrbet ukoll l-għażla bejn ġeneru u ieħor, l-għażla bejn il-ġeneru poeżija, u l-ġeneru proża. L-eżempju ta' Victor Fenech jixhed din is-sintesi fil-poeproża. Il-ħajja moderna kiex jixirqilha idjoma differenti. It-tixbihat u s-simboli issa ttieħdu mill-ambjent Malti ġdid. Riedu jħaddnu dinja usa' ta' oġġetti, ħlejjaq umani u ġrajjiet.

Il-moderniżmu kien ukoll sforz ġenwin biex l-ilsien letterarju jissaffa mit-tiżjin fieragħ, u tingħata importanza akbar lill-metafora. Il-metafora u s-simbolu huma għodod mill-aktar importanti għall-poeżija vera.

> "Ix-xejra moderna hi li l-poeżija kollha tinbena bħala metafora waħda magħmula minn bosta metafori marsusin flimkien."[2]

Il-metodu stess ta' kif tidher il-metafora huwa element ieħor li jagħżel lill-versi moderni minn ta' qabilhom. Il-poeta modern xi drabi juża biss il-"vehicle", u l-bqija (it-"tenor" u l-"ground") jitqies bħala miftiehem. Dan il-metodu jista' jqanqal diffikultà fil-ftehim waqt li jkabbar l-allużjonijiet u jnaqqas il-kliem li hu ta' importanza sekondarja. L-għalqa minn fejn bdew jingħażlu x-xbihat kienet differenti wkoll. Tradizzjonalment il-metafora kienet tintuża biex jinħolqu xbihat meħudin mill-ħajja

organika tal-bniedem, l-annimal jew il-ħaxixa. Kienet tip ta' metafora li tappella l-aktar għas-sensi, l-aktar tal-ħars, tas-smigħ u tal-mess. Il-poeta modern imdawwar b'oġġetti f'dinja aktar wiesgħa u li kienet qed issir aktar industrijalizzata wessa' l-għalqa minn fejn seta' jibdel f'simboli l-qagħdiet tal-bniedem. Bdew jidhru aktar xbihat meħudin mir-reġistru tat-teknoloġija bħalma huma krejnijiet, ferroviji, ajruplani u magni. Il-qagħda preżenti u l-istruttura soċjali rriflettew ruħhom fl-għażla metaforika kif ukoll fl-għażla lingwistika, għax dawn l-oġġetti mekkaniċi kienu ġejjin mir-rumanz. Fil-kuntest modern, il-metafora tintuża f'sens aktar astratt. Il-poeta huwa milqut mill-qagħda soċjo-psikika tal-bniedem, u kellu jinterjorizza ruħu, jinvestiga fil-fond il-kriżi ta' l-identità tiegħu innifsu f'dinja li qed issir aktar impersunali.

Forsi l-aktar mistoqsija li tidwi fil-poeżija ta' wara l-Indipendenza hija: "Min jien?" Il-poeti Maltin ta' qabel donnhom ma kellhom l-ebda dubju min kienu. Ma ddubitawx l-identità tagħhom. Fil-poeti tas-sittinijiet jidhru s-sinjali tal-konflitt ġewwieni. Din il-kuxjenza l-ġdida nħallet miċ-ċertezzi ta' qabel. Il-kuxjenza taż-żmien ħolqot sens ġdid ta' l-importanza tat-tibdil fil-ħajja, u dan kien rifless fit-tħaddim tal-lingwa. Il-poeti fissru l-esperjenzi ġodda ta' l-eżistenza f'dinja fejn il-bniedem sar inċert mill-identità tiegħu. L-artist modern kien qiegħed isib ruħu waħdu aktar minn qatt qabel. Ma neħduhiex bi kbira li issa x-xbihat kienu meħudin minn affarijiet artifiċjali flok naturali; is-sens għadda mill-organiku għall-inorganiku, mill-persunali għall-impersunali, minn ħlejjaq ħajjin għall-oġġetti artifiċjali. L-unika realtà għall-poeta hija r-realtà tax-xbihat. Fl-interjorità tiegħu, il-poeta ta' llum sab mergħat oħra ta' metafori għall-vjaġġ ġewwieni tiegħu.

Il-fatt li Malta saret indipendenti jista' jħalli wkoll l-effett tal-biża' li wieħed idum biex isib soluzzjoni.

> "Iż-żerriegħa li nxteħtet fil-ħamrija fis-snin sittin bdiet tieħu
> bil-mod iżda ma tatx il-frott veru tagħha qabel ma għaddew
> is-snin."[3]

Mill-poeżija tas-snin sittin għal dik tas-snin sebgħin u tmenin hemm il-mogħdija bejn il-fażi bikrija ta' l-isperimentazzjoni u l-fażi ta' ċerta adultezza. It-transizzjoni ma kinetx waħda li twassal biss għal maturazzjoni. L-attitudnijiet tal-bidu wkoll bdew jieħdu xejriet differenti. Il-kriżi ta' l-identità hi ċentrali.

Fis-snin sittin il-poeżija kienet storbjuża, polemika, ġellieda, provokanti. Wara li dabet il-kontroversja beda dieħel l-ekwilibriju, u l-kisba ideali ġdida bdiet tissarraf f'ħidma kreattiva. F'din il-mixja, fil-poeżija tas-snin sebgħin, bdew jidhru l-irtir, is-skiet, ir-rassenjazzjoni, l-għeluq tal-privatezza. Fil-waqt li fis-snin sittin kien hemm il-fiduċja fil-bidla, fis-snin sebgħin dehret sewwa d-delużjoni. Mill-agħjat il-poeta

għadda għas-silenzju. Mill-istorbju tal-bidu l-poeti għaddew għall-irtir u s-skiet. Fix-xeħta miġbura, riflessiva, meditattiva tas-snin ta' wara, bdiet tinħass id-delużjoni.

Ir-rabta ma' l-ibliet qanqlet xewqa li jerġa' jidher ir-raħal Malti bl-innoċenza kollha tiegħu. It-theddida tar-raħal Malti qanqlet ukoll in-nostalġija. L-ambjent raħli issa kien mhedded mill-hekk imsejjaħ żvilupp. Dak li qabel kien jidher ikrah u primittiv issa sar mixtieq. Bosta drawwiet kienu qegħdin jintilfu u l-poeta reġa' fittex l-għeruq ta' l-identità.

Fejn qabel iċ-ċokon ried li jinfetaħ biex jixrob minn wesgħat li ma kinux tiegħu, issa l-insularità saret ukoll mezz biex tikkumbatti t-theddida tal-modernizzazzjoni, u sseddqet ir-rabta ma' l-għeruq fi ħdan ir-reġjun Mediterranju, li wara kollox huwa parti mill-kosmos. L-iżolament jew l-insularità ta' Malta bħala gżira reġgħet saret parti importanti fl-identità tal-pajjiż. Mas-solitudni, l-irtir u s-skiet, tħallat is-sens tal-gżira, ta' l-iżolament. Dak li qabel kien idejjaq lill-poeti issa seta' jkun ukoll għajn ta' faraġ u ta' mistrieħ. L-ispazju ġeografiku tfisser f'ambjent spiritwali. Il-kundizzjoni ġeografika rriflettiet ukoll il-qagħda tar-ruħ.

Fis-snin sittin inżergħet żerriegħa li biż-żmien kellha tagħti l-frott. Il-poeti ġodda kellhom jgħaddu mill-fażi ta' l-isperimentazzjoni, sakemm sabu l-individwalità tagħhom. Kellu jgħaddi ż-żmien biex mill-agħjat tal-bidu mimli reazzjoni li kien rifless ukoll lingwistikament, għaddew għal lingwaġġ aktar mirqum. Fil-lingwaġġ ukoll daħal is-sens tal-qies u l-poeta reġa' skopra s-sbuħija tal-ħsejjes semitiċi. Fejn qabel ħolqu versi kumplessi b'mod li mhux dejjem irnexxielhom jikkomunikaw, għaddew għal aktar ċarezza. Bdew ifittxu aktar is-sempliċità fil-versi tagħhom.

Dik li fil-bidu setgħet dehret bħala atitudni kważi anti-reliġjuża, ħadet xeħta profondament reliġjuża. Il-fidi reġgħet ħadet il-post ewlieni li dejjem kellha. Għall-poplu Malti r-reliġjon m'hix biss twemmin, iżda tradizzjoni ta' storja u kultura. Ir-rejazzjoni tas-sittinijiet kienet ukoll waħda morali u tejoloġika. Minflok it-tradizzjoni kristjana daħlet il-kontestazzjoni. Iddubitaw bosta tradizzjonijiet u r-reliġjon tagħhom ħadet bixra individwalista. Missew ma' kontradizzjonijiet morali u ma beżgħux juruhom, ma beżgħux jitbiegħdu mit-tradizzjoni kristjana. Fil-waqt li r-reliġjożità f'Malta kienet marbuta ma' istituzzjoni, il-letteratura saret aktar reliġjuża u inqas kattolika. Ir-reliġjożità saret il-punt tar-riferiment.

Id-direzzjoni li kienu ħadu meta ħarsu lejn il-kultura ta' l-Ingilterra u l-Amerika issa dehret imbiegħda minn dak li hu Mediterranju u Malti. L-ispirtu Mediterranju huwa l-identità naturali ta' Malta u tar-reġjun.

"Din l-individwalità Mediterranja kellha tiegħu s-snin mhux

biex tinkiseb iżda biex titfisser, tinfeda u tieħu sura poetika, imnaddfa mill-preġudizzji mgħaġġla ta' epoka sperimentali u qasira."[4]

Is-sens reġjunali sar ukoll is-sens nazzjonali sħiħ. Il-poeżija reċenti għaddiet mill-fażi ta' l-esperimentazzjoni għall-fażi tal-maturità, għall-kisba ta' l-identità. Hemm bosta xejriet tematiċi li jixhdu din l-identità: ir-reliġjożità, is-sens ta' l-infinit u tal-misterjuż, is-solitudni, is-sikta, il-motiv tal-pajsaġġ, it-tifkira qawwija tal-qedem storiku, in-nostalġija, il-malinkonija. Il-poeżija patrijottika u reliġjuża ħadet libsa mediterranja. L-element folkloristiku raħli Malti ħa dehra ġdida permezz ta' kwalitajiet ta' "gżira ċkejkna, mikwija bix-xemx, siekta ġeblija, storika kull fejn tħares, u żagħżugħa f'dak li hu ħelsien politiku."[5] Għalkemm f'għamla oħra, fil-poeżija xorta kien għad hemm moħħ ta' poplu patrijottiku li kien għadu kif ħareġ mill-ħakma kolonjali twila, li ħalliet fuqu influwenza kbira, waqt li kien qiegħed ifittex l-identità tiegħu.

Ma rridux ninsew li bosta minn dawn il-kittieba kienu wkoll prodott tal-ħakma kolonjali u għalhekk kellha tħalli l-marka fuqhom ukoll. L-imgħoddi jibqa' jinħass fil-fdal tal-wirt preistoriku u ż-żewġ assedji, u aktar ma tikber l-industrija u joktor il-bini, fejn bosta rħula qed isiru bliet, aktar tikber in-nostalġija għall-gżira primittiva.

Il-punti tar-riferiment huma dejjem l-istess taħt libsa li tvarja. Il-poeżija qiegħda tieħu sehem f'identità usa' mil-limiti lokali. L-individwalità Maltija tieħu sehem fl-identità tar-reġjun minħabba għadd ta' xejriet bħalma huma l-viżjoni teoloġika li hi mifruxa fil-viżjoni nazzjonali kollha, il-qagħda ta' Malta bħala gżira, il-qedem ta' l-istorja, u l-laqgħa kostanti f'Malta ta' ċiviltajiet ewlenin li lill-pajjiż għamluh bħal mikrokożmu tar-reġjun kollu. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-ilsien Malti biex isib dan iż-żwieġ bejn il-kultura Semitika u Latina. Meta wieħed iqis sewwa dawn il-karatteristiċi, allura jasal biex jintebaħ li wara kollox l-identità sostanzjali ta' Malta ma tbiddlitx. Il-poeżija wkoll, fost affarijiet oħra, irriflettiet din il-qagħda.

Il-poeżija kontemporanja rritornat lejn ir-Romantiċiżmu. Iżda huwa Romantiċiżmu wisq usa' mill-istoriku – Romantiċiżmu etern. Minn żmien l-esperimentazzjoni sa żmienna nsibu "mixja ċiklika", ritorn mibdul taħt il-lenti tal-viżjoni kontemporanja. Fil-waqt li l-poeti ta' qabel kienu għannew il-qedem ta' Malta fil-kobor tiegħu nnifsu, għall-poeti mis-snin sittin 'l hawn huwa għajn ta' dinjità u nostalġija fejn jistgħu jfittxu l-għeruq nazzjonali. Il-pajsaġġ li hu tant prominenti fil-poeżija Mediterran reġa' sab postu. Il-qerda tal-kampanja u r-raħal Malti tkompli ssaħħaħ din il-ħerqa għar-ritorn lejn dak li huwa verament tipiku, u anqas artifiċjali mill-ħajja urbanistika u mill-industrijalizzazzjoni. L-elementi lokali, bħalma huma ċ-

ċokon u l-insularità ta', huma meqjusa bħala parti mill-identità. Reġgħu tfaċċaw ix-xejriet tipiċi tal-poeżija Maltija.

Il-maturazzjoni li kisbu wara l-fażi ta' l-esperimentazzjoni fissret ukoll il-mogħdija għall-universalità. Kitba li qabel setgħet dehret ġurnalistika, u li tappartjeni għal post u żmien partikulari, issa nħallet minn dawn id-dimensjonijiet ristretti, sabiex ir-riflessjoni saret aktar filosofika u wiesgħa fis-sens universali. Il-poeżija ta' pajjiż żgħir bil-karatteristiċi tagħha u tal-Mediterran setgħet ukoll tipparteċipa f'dak li hu universali. Mill-partikulari għaddiet għall-ġenerali, għal dak li japplika għal bniedem hu fejn hu, u meta hu. Dan seta' jsir ukoll permezz tal-poeżija bl-identità tal-pajjiż u tar-reġjun.

Kien hemm żmien meta l-poeżija kellha tgħajjat bħalma kien hemm waqtiet fejn irriflettiet l-irtir, iżda fuq kollox dejjem irriflettiet dak li kien qed jiġri, flimkien ma' l-ansjetajiet u l-aspirazzjonijiet lokali, u tal-bniedem. Fil-waqt li l-poeżija Maltija rritornat lejn il-qofol u ntrabtet ma' l-għeruq, hija tegħleb ukoll il-limiti u l-għeluq ta' pajjiż ċkejken u fl-istess ħin isseddaq in-nazzjonalità u l-identità Maltija kif ukoll tar-reġjun.



1. O. Friggieri, "Il-Poeżija Maltija tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin", *Hyphen*, Vol.6, Nru.4, 1990, p.185.
2. O. Friggieri, "Il-Poeti Moderni Maltin – Tradizzjoni, Żvantaġġ Storiku u Bidla mill-Qiegħ", *Hyphen*, Vol.2, Nru.6, 1981, p.260.
3. O. Friggieri, *Il-Poeżija Maltija tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin*, loc. cit., p.182.
4. Ibid., p.185.
5. O. Friggieri, *Ir-Ruħ fil-Kelma*, KKM, 1973, p.98.

BIBLJOGRAFIJA

AZZOPARDI, M.
*Tabernakli*, A.C. Aquilina, 1979;
*Monokordi*, Peg, 1984.

CORTIS, T. ed.
*Oqsma tal-Kultura Maltija*, Guttenberg Press, 1991.

FENECH, V.
*Sangraal*, Publikazzjoni Bugelli, 1987.

FRIGGIERI, O.
'Il-Poeti Moderni Maltin – Tradizzjoni, Żvantaġġ Storiku u Bidla mill-Qiegħ', *Hyphen*, 2(6) 1981, pp.256-262;
'Il-Poeżija Maltija tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin", *Hyphen*, 6(4) 1990, pp.179-189;
*Fl-Għarbiel*, 1976;
*Saġġi Kritiċi*, A.C. Aquilina, 1979;
*Ir-Ruħ fil-Kelma*, KKM, 1973;
*Kittieba ta' Żmienna*, Veritas Press, 1976;
*Mal-Fanal Henm Harstek Tixgħel*, Merlin Library, 1988.

FRIGGIERI, O. u BRINCAT, M.J.
'Demgħat tas-Silġ', *Hyphen* 1 (6) 1979, pp.17-29.

GIANCANE, D.
'Oliver Friggieri, Mediterraneità', *Salpare*, 3(10) 1990, p.11.

MIZZI, A.
*Taqtir is-Skiet*, Publikazjoni Bugelli, 1987.

SERRACINO-INGLOTT, P. ed.
*Linji Ġodda*, KKM, 1973;
*Ilħna Mkissra*, Guttenberg Press, 1989.



# *Ma' leħnek nishar* ġabra ta' poeżiji ta' Emanuel Attard

*Francis Galea*

Hu interessanti ħafna kif f'dawn l-aħħar għoxrin sena l-ktieb Malti mhux biss sar aktar popolari, iżda fuq kollox qiegħed ikun imfittex ħafna mill-qarrejja tagħna. Hu aktar ta' sodisfazzjon minn hekk li tara aktar awturi u djar ta' pubblikazzjoni li jagħżlu li jidħlu għar-riskju biex jinvestu fil-ktieb Malti. Imbagħad, ngħid għalija nħoss li hi xi ħaġa li tqawwi l-qalb meta tara li fost dawn il-kotba hemm numru qawwi mhux ħażin ta' kotba tal-poeżija.

Dan m'hux għaliex il-poeżija hi inqas popolari, iżda għaliex jidher li bil-mod il-mod il-poplu qed jitgħallem li fil-poeżija jista' jsib ukoll dak kollu li soltu jsib fin-novella u r-rumanz.

Wieħed mill-aħħar kotba tal-poeżija li ħarġu kien *Ma' Leħnek Nishar* ta' Emanuel Attard. F'dan il-ktieb, Attard joħodna fi vjaġġ ta' ħsibijiet minsuġa madwar il-ħajja, kif raha tinbidel hu bejn l-1963 u l-1990. B'hekk Attard jippreżenta tiżwieqa ta' ħsibijiet, burdati, fehmiet, sitwazzjonijiet, u fuq kollox drawwiet, li jinbidlu mal-mogħdija taż-żmien ... kultant għall-aħjar, u ta' spiss għall-agħar.

Attard hu bniedem li l-poeżija twieldet ġo fih bħalma tarbija titwieled f'ġuf ommha. U bħalma l-omm tgħozz u tfissed biex tagħti l-imħabba kollha possibbli lit-tarbija li ġġib fid-dinja, hekk ukoll, Attard jikkultiva, iwennes u fuq kollox jgħożż il-poeżija li toħroġ mill-pinna tiegħu. Iżda b'differenza, li għalkemm bħal kull poeta ieħor żgur li jħossu kburi b'dak li għandu l-ħila joħloq, Attard qatt ma fittex li jagħmel isem minn fuq dahar il-versi tiegħu. Hu dejjem għażel li jkompli jaħdem f'ġieħ il-poeżija, anki jekk maqful wara l-ħitan ta' daru – u wara li jiktibha jħalliha maqfula f'kexxun.

Dan qed ngħidu għaliex tħalli għal xi kitbiet li dehru 'l hawn u 'l hinn f'xi ġurnali jew rivisti, u minbarra xi pubblikazzjonijiet f'xi antoloġiji, dan hu l-ewwel ktieb ta' Emanuel Attard. Terġa' wara li qrajt il-ġabra ta' madwar 120 poeżija, ħassejt li hu kellu materjal biżżejjed biex jippreżenta xogħlijietu snin ilu.

Minkejja li t-tema tal-poeżiji fil-ktieb *Ma' Leħnek Nishar* huma mibnija dwar

il-ħajja, Attard juri li għandu ħiliet u abilitajiet qawwija biżżejjed mhux biss fl-għaġna tal-ħsieb mal-ġrajjiet kurrenti, mal-ħsibijiet u mat-tiġrib persunali, iżda fuq kollox jagħmel dan kollu u fl-istess waqt jibqa' marbut ma' l-elementi siewja li jagħmlu poeżija tajba. Dan għaliex Attard ma jintilifx fi ħsieb sabiħ, lanqas ma jogħxa f'aħbar qawwija li tqanqal kurżita.

Minflok Attard jibni fuq it-tematika u l-metafora il-ħajja kif jaraha hu ... jiġifieri l-ġlieda tal-bniedem, aktarx ħaddiem, fil-kumplessi tat-tajjeb mal-ħażin, tad-dgħajjef ma' dak aktar b'saħħtu. Hu dejjem iħalli spazju fejn b'xorti tajba dak li jkun isib lok fejn issir ġustizzja miegħu, xi darba, xi mkien. B'hekk Attard, minkejja li hu poeta twajjeb u kalm, xorta waħda jsib il-waqt li fih jipprotesta f'ġieh is-sewwa.

Attard għandu l-ħila li fi ftit vrus joħloq sitwazzjoni ċara li fiha jfisser ir-realtajiet iebsin tal-ħajja, u jissuġġerixxi l-mod kif għandna nidħlulhom. Dan jagħmlu billi minbarra li jesprimi l-karattru tiegħu, jiġifieri bħala bniedem fittiex, jurina kif u għaliex bnedmin oħra bħalu ta' spiss m'għandhom xejn pożittiv x'joffru għajr hemm u nkwiet.

Attard ikompli jisħaq fuq dan is-suġġett kull meta jitratta poeżiji mogħnija bis-seher tal-kampanja Maltija, bl-armonija tar-raħal u l-familja Maltija li lkoll huma mlibbsin bir-reliġjożità sagra li dejjem għażel li jgħożż dan il-poplu. Eżempju għal dan insibu fil-poeżija *Ħriġt* (p. 15):

U hemm, mal-ħemda tal-ħamrija
U ż-żiffa mellisija
fejn jafu ż-żminijiet b'moħriet
u rfis il-bhima,
smajt l-isbaħ melodija.

Kull meta jikteb Attard dejjem ikun mogħni bi ħsieb ċar u oriġinali. Dan għaliex it-tbatija, il-passjoni, il-biża' mill-mewt u l-inċertezzi tal-ħajja joħroġhom "fil-bniedem u l-ħajja" li t-tnejn qed ininu u jitherrew – bit-tama li jersqu lejn ħajja aħjar. Il-ktieb ta' Attard għandu jqanqal nostalġija lil dawk li għexu miegħu is-snin tat-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju, u jservi għajn ta' inspirazzjoni għall-poeti żgħażagħ ta' llum.

*Nota Editorjali:*
Kull min jixtieq jixtri dan il-ktieb ta' Emanuel Attard, jista' jagħmel dan billi jċempel lill-awtur innifsu fuq in-numru tat-telefon 800216.

# Mid-djarju ta' l-Għaqda: 1992

Jaqbad ma' għadd 28

*Joseph Borg*

| | |
|---|---|
| 3 ta' Jannar: | Laqgħa tal-Kumitat.<br>Laqgħa mar-Rettur ta' l-Università, Rev. Prof. Peter Serracino-Inglott - preżentazzjoni tal-bust ta' Dun Karm. |
| 14 ta' Jannar: | Il-Mid-Med Bank jisponsorjaw mill-ġdid il-*Leħen il-Malti.* |
| 31 ta' Jannar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 21 ta' Frar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 6 ta' Marzu: | Jibda l-Kors fis-Sengħa tal-Kitba mill-Prof. Oliver Friggieri. |
| 12 ta' Marzu: | Lejla Letterarja fil-Mitħna ta' Ganu, f'Birkirkara. |
| 17 ta' Marzu: | L-Għaqda tissieħeb fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. |
| 7 ta' April: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 10 ta' April: | Joħroġ *Leħen il-Malti* għadd 27. |
| 24 ta' April: | Jintemm il-Kors fis-Sengħa tal-Kitba. |
| 13 ta' Ġunju: | Preżentazzjoni taċ-ċekk fl-Uffiċċju Ġenerali tal-Mid-Med Bank. |
| 19 ta' Ġunju: | L-Għaqda tingħata kamra f'Dar l-Istudent.<br>Laqgħa tal-Kumitat. |
| 21 ta' Lulju: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 22 ta' Lulju: | Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jżur l-iskultur Toni Ellul u jingħażel l-abbozz tal-Mafkar Dun Karm. |
| 31 ta' Lulju: | Lejla Letterarja u tqassim taċ-ċertifikati tal-Kors fis-Sengħa tal-Kitba. |
| 20 ta' Awissu: | Lm175 f'għajnuna finanzjarja mill-Università. |
| 19 ta' Ottubru: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 16 ta' Novembru: | Il-bust ta' Dun Karm imkabbar u magħmul fil-ġibs mill-ġdid mill-iskultur Toni Ellul lura fl-Università. |
| 18 ta' Novembru: | Ritratti u impressjoni artistika ta' fejn se jitqiegħed il-Mafkar Nazzjonali Dun Karm fil-Furjana lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. |
| 26 ta' Novembru: | Laqgħa Ġenerali Annwali: elezzjoni għall-kumitat 1992-94. |
| 21 ta' Diċembru: | L-ewwel laqgħa tal-kumitat ta' l-Għaqda fil-kamra tagħha f'Dar l-Istudent, wara li ġiet mgħammra b'mejda u siġġijiet. |

# PRINTJOB

**OFFSET**
**& LETTERPRESS**
**PRINTERS**

St. Mary Street, Għaxaq.  Tel. 87 82 27